12/1950

IR-RABA' KTIEB
TAL-HAMSA U GHOXRIN SENA

DIĊEMBRU,
1949.

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROĠ

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

L-Editur — Iċ-Ċerimonja tal-Presentazzjoni tal-"Midalja "Ġużè Muscat Azzopardi" Faċċ. 99
Wallace Gulia, B.Sc., Ph.C., D.P.A. (Lond.), B.A. — *O Tempora! O Mores!* ,, 114
A. Cremona — Frak ,, 114
Vincent Ungaro — *Lit-Tabib Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.* ,, 115
A. Buttigieg, B.A., LL.D. — *Il-Għolliq* ,, 115
Karmenu Mallia — *Lill-Kav. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.* ,, 116
Kapt. J. E. Busuttil — "Vestru" ,, 117
Ġużè' Chetcuti — *Maternità* ,, 121
Reċensjonijiet u Studji Kritiċi ,, 121
Suppliment:
Ivo Muscat Azzopardi, L.P. — Naf b'kollox

DIRETTUR: Dr. Gużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona,
53, Triq Wara Santa Ubaldeska, Paula.

Ħlas 2/6 fis-sena. Ktieb wieħed 1/-.
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat
lil Victor Apap, 150, Triq it-Torri,
Tas-Sliema.

---

LILL-IMSEĦBIN, QARREJJA U ĦBIEB

TAL-GĦAQDA

U LIL DAWK KOLLHA LI GĦANDHOM GĦAL QALBHOM

IL-ĠID TAL-LSIEN MALTI

NIXTIEQU S-SLIEM U R-RIŻQ

TA' SENA ĠDIDA

LI MAGĦHA ĠĠIB GĦAL QUDDIEM

DAK KOLLU LI HU TA' ĠID U HENA

GĦALIHOM, GĦAL NIESHOM,

GĦAL-LSIEN MALTI U GĦAL ART TWELIDHOM.

31. 12. 48.

IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

DIĊEMBRU 1949

# Iċ-Ċerimonja tal-Presentazzjoni tal-Medalja "Ġużè Muscat Azzopardi"

BHALMA konna ħabbarna fl-aħħar ħarġa ta' "Il-Malti", din is-sena bħala rebbieħ tal-Premju "Ġużè Muscat Azzopardi", b'deċiżjoni tal-Ġurija maħtura għall-għoti ta' dan il-Premju, intgħażel il-Kav. it-Tabib Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., President tal-"Għaqda" u d-data tal-presentazzjoni ta' dan il-Premju ġiet iffissata għall-14 ta' Novembru, id-data tat-Twaqqif tal-"Għaqda".

Għalhekk iċ-ċerimonja tal-presentazzjoni tal-Medalja "Ġużè Muscat Azzopardi" lit-Tabib Galea saret bħas-soltu fil-Librerija ta' l-Università Rjali ta' Malta nhar it-Tnejn, l-14 ta' Novembru.

Kien hemm għal din iċ-ċerimonja l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur il-ġdid u Kanċellier ta' l-Università, Sir Gerald Creasy u s-Sinjura tiegħu Lady Creasy, l-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Metropolitan Monsinjur Gonzi, l-Onovervoli Prim Ministru, it-Tabib P. Boffa, is-Sinjura H. Galea, is-sinjura tat-Tabib Ġużè Galea, il-Presidenti Onorarji, il-Mons. Dun Pawl Galea u l-Professur Ġ. Aquilina u Mons. Dun Karm Psaila, l-Imħallef Montanaro, u xi Rappreżentanti tad-Dipartimenti ta' l-Edukazzjoni, fosthom is-Sur J.P. Vassallo, Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni, xi Kapijiet tad-Dipartimenti, Rappreżentanti tal-Kleru, tal-Professjonisti, u tal-Partiti Politiċi, Impjegati għoljin, Membri Akkademiċi tal-"Għaqda", Professuri ta' l-Università, u bosta ħbieb tat-Tabib Galea.

Il-"Għaqda", li sa mill-bidu kienet maħtura, skond ix-xewqa tal-Fondatur, biex torganizza u tmexxi din iċ-ċerimonja, indaħlet din is-sena wkoll għal din il-biċċa xogħol u ħadmet bħas-soltu biex din iċ-ċerimonja tal-Għoti tal-Medalja "Ġużè Muscat Azzopardi" tirnexxi, kif tassew irnexxiet minn kull naħa, għalkemm il-ġurnata kienet ta' nhar ta' xogħol u bosta nies li xta-

qu jiġu minħabba x-xogħol tal-professjoni tagħhom jew tas-servizz tagħhom ma setgħux jieħdu sehem bid-dehra tagħhom malmistednin l-oħra.

Din kienet it-tielet okkażjoni li fiha l-"Għaqda" mal-presentazzjoni tal-Premju kellha wkoll l-opportunità li tagħti xhieda tas-siwi tal-ħidma tagħha li minnha, tista' tgħid, tnissel il-Premju li fl-istess ħin ifakkar fi bniedem li wara ħajja ta' ħidma letterarja kellu jagħlaq il-karriera tiegħu bħala Kittieb tal-Malti fi ħdan il-"Għaqda" mwielda taħt il-ħarsien tiegħu u li tagħha kien l-ewwel President. Id-data taċ-ċerimonja, kif ġiet issa iffissata, skond ix-xewqa tal-Fondatur imwettqa mill-Ġurija, tfakkar id-data tat-twaqqf tal-"Għaqda", bħala data l-aktar għażiża għal din ix-Xirka u bħala tifkira xierqa ta' isem l-ewwel President tagħha, li b'ismu wkoll twaqqaf minn ibnu, is-Sur Gino, il-Premju ta' Medalja tad-Deheb lil dak il-bniedem li skond il-fehma tal-Ġurija jkun iddistingwa ruħu fil-ħidma għall-progress tal-Malti.

L-ewwel ma fetaħ iċ-ċerimonja kien il-Viċi-Kanċellier u Rettur ta' l-Università, il-Prof. Manchè, li fisser il-għaxqa tiegħu li din iċ-ċerimonja kienet qiegħda ssir għat-tielet darba ġewwa l-Università—iċ-ċentru tal-Għerf—kif tassew kien jixraq, u, wara li feraħ bil-"Għaqda" li bl-akbar ġieh tagħha f'dik l-okkażjoni għalqet id-disgħa u għoxrin sena ta' ħajja ta' rebħ u riżq, semma u ttama li mal-Kattedra tal-Letteratura Maltija titwaqqaf minn xi Fondatur ġeneruż Kattedra ta' l-Istorja ta' Malta. Warajh tkellem il-Viċi-President tal-Għaqda, is-Sur A. Cremona, li tħaddet fuq il-ħidma tat-Tabib Galea għall-Malti sa minn meta kien student u x-xogħol li ħadem bil-pinna tiegħu, jiġifieri bin-novelli u romanzi tiegħu, li bihom mela ċertu vojt li kellna fil-letteratura Maltija. Wara, l-istess Viċi-President tal-"Għaqda" stieden lill-Gvernatur biex jekk jogħġbu jippresenta l-Medalja "Ġużè Muscat Azzopardi" lit-Tabib Galea, rebbieħ tal-Premju. Il-Gvernatur, fid-diskors tiegħu, qabel ma ippresenta l-Medalja, semma li hija ħaġa wisq xierqa illi ċ-ċerimonja tal-presentazzjoni tal-Medalja "Ġużè Muscat Azzopardi" saret fl-anniversarju tat-twaqqif tal-"Għaqda" tal-Kittieba tal-Malti u li huwa ta ġieh għalih li jippresenta dan il-premju lil kittieb hekk magħruf. Fl-aħħar għalaq id-diskors tiegħu billi feraħ lit-Tabib Galea.

Wara li tkellem, il-Gvernatur hemeż il-medalja fuq sider it-Tabib Galea.

Is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, Segretarju tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", f'isem ħuh Gino, Fondatur tal-premju, li hu msiefer, tkellem u semma r-raġunijiet li għalihom iċ-ċerimonja tal-presentazzjoni tal-Medalja saret fl-14 ta' Novembru, data li tfakkar it-twaqqif tal-"Għaqda" fl-1920, flok fl-4 ta' Awissu, kif kienet stabbilita u ssir dari. Hu fisser li l-premju din is-sena ingħata lit-Tabib Galea, u li dan ma għandux jitqies bħala kittieb imsemmi għan-novelli u romanzi popolari biss, iżda aktarx bħala bniedem li bis-*savoir faire* tiegħu kellu l-ħila jżomm l-Ilsien Malti ħaj u wieqaf ukoll qalb l-akbar twegħir ta' żminijiet politiċi li kienu nibtu wara l-Ewwel u t-Tieni Gwerra l-Kbira. Is-Sur Ivo Muscat Azzopardi għalaq id-diskors tiegħu billi feraħ personalment lit-Tabib Galea f'isem ħuh Gino kif ukoll f'isem il-familja Muscat Azzopardi.

It-Tabib Galea fit-tweġiba li għamel għad-diskorsi li saru fisser u qal li hu ħassu mistagħġeb u fl-istess ħin mimli bih innifsu għall-ġieh li lilu ingħata. Mistagħġeb il-għaliex hu jidhirlu li kien hemm nies oħra li kien jistħoqqlilhom il-premju, premju li skond il-fehma tiegħu għandu valur sentimentali u morali. It-Tabib Galea fisser il-qima tiegħu lejn il-Fondatur tal-"Għaqda", il-mejjet Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, u żied qal illi l-għoti tal-premju ma għandux jitqies bħala l-aħħar premju għall-karriera letterarja iżda aktarx bħala mezz ta' inkoraġġiment fil-kamp letterarju tal-Lsien Malti.

Hawn taħt sejrin inġibu d-diskorsi kollha li saru f'din iċ-ċerimonja bħala tifkira ta' dak kollu li sar fiha u dokument għażiż ta' din l-okkażjoni li fiha l-"Għaqda" ħadet sehem kbir għall-ġieh tal-Lsien Malti, u għall-ġieh tal-Kittieba Maltin, Studjużi u Ħaddiema tal-Malti.

*Traduzzjoni mill-Ingliż.*

## Diskors tal-Viċi-Kanċellier u Rettur Manjifiku ta' l-Università, il-Prof. J.A. MANCHE', B.Sc., M.D.

Minn mindu ħadt il-karika ta' Viċi-Kanċellier ta' l-Università Rjali ta' Malta din hija l-ewwel darba li jien kelli l-pjaċir li nilqa' f'dan il-post qadim tal-għerf u tat-tagħlim il-membri u l-mistednin tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti". Iżda hija t-tie-

let darba li din il-"Għaqda", li tagħraf f'din l-Università l-ogħla ċentru kulturali f'dawn il-Gżejjer minn tliet mija u ħamsin sena 'l hawn, għażlet dan il-post bħala l-aktar xieraq sabiex fih tagħmel iċ-ċerimonja tal-presentazzjoni tal-Medalja "Ġużè Muscat Azzopardi".

Jien inqis ruħi bħala persuna b'mod speċjali privileġġata li ġejt mitlub biex niftaħ din iċ-ċerimonja l-lum fejn il-persuna li sa tirċievi dan il-Premju li tassew jistħoqqlu huwa sieħbi u ħabibi l-Kavalier it-Tabib Ġużè Galea, President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti". Fuq l-imħabba tiegħu għal ilsien art twelidu, fuq il-ħidma tiegħu bla hedu sabiex jara lil dan l-ilsien jitwaqqaf u jitwettaq bħala lsien nazzjonali ta' poplu libru, fuq il-merti letterarji tiegħu bħala kittieb tal-Malti, intom tisimgħu minn għand oħrajn li minn hawn u ftit ieħor ikellmukom warajja.

Jien biss nixtieq ingħid illi l-Università Rjali ta' Malta, li għandha hekk għal qalbha l-qawmien ta' l-istudju tal-Malti, għandha għalfein tassew tħossha minfuħa biha nfisha tara lil wieħed minn uliedha li stħoqqu dan il-ġieħ.

Jiena ma nistax f'din l-okkażjoni hekk xierqa ma nfissirx il-għożża u l-għaxqa tiegħi għas-Sur Gino Muscat Azzopardi—il-Fondatur tal-Medalja Ġużè Muscat Azzopardi—għall-ġid li għamel 'l-Ilsien Malti. Mhux biss b'imħabba ta' iben—ta' min jitgħaxxaq biha—huwa għaraf ifakkar għal dejjem isem missieru—wieħed minn ta' l-ewwel li ħadmu għall-qawmien tal-Malti f'dawn il-Gżejjer—mhux biss huwa wera l-ġenerożità u l-qalb tiegħu meta huwa waqqaf premju hekk sabiħ għal ħaġa hekk għażiża u daqshekk ieħor sabiħa, iżda, u din għalija hija l-iktar ħaġa importanti, huwa wera wkoll lil dawk, li lilhom il-Provvidenza t'Alla l-Imbierek għoġobha tagħti f'idejhom il-għana ta' dawn il-Gżejjer, kif dawn jistgħu jiksbu l-gratitudini għal dejjem tal-pajżani tagħhom billi jinqdew b'dawn il-mezzi għal skopijiet kbar, filantropiċi, kulturali u patrijottiċi.

Il-lum, l-14 il-jum ta' Novembru 1949 il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" tagħlaq disgħa u għoxrin sena mindu din twaqqfet. Din il-"Għaqda" fiż-żmien qasir ta' tletin sena tat lill-Ilsien Malti Ortografija Maltija soda mwaqqfa fuq sisien xjentifiċi flok dik l-oħra iktarx miktuba dak iż-żmien fuq il-widna jew fonetikament bla ebda prinċipji sħaħ. Hija ħadmet sħiħ u rnexxielha tagħti lill-Ilsien Malti l-istat tal-Lsien Nazzjonali tal-Poplu Mal-

ti. u l-membri tagħha tħabtu u ħadmu mhux ftit biex jagħtu lill-Ilsien Malti letteratura tajba u jagħnuha, u li minnha tista' tgħid sa tletin sena ilu ma kellna xejn li wieħed seta' jiftaħar biha.

Meta ngħid illi l-Letteratura Maltija ma kenitx teżisti qabel ma twaqqfet il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", jiena ma rridx infisser illi qabel ma kienx hawn kittieba. Kittieba kien hemm u xi wħud minnhom għamlu isem sabiħ bħala kittieba, iżda dawna kitbu b'ilsien barrani l-għaliex kien jidhrilhom illi lsien pajjiżhom ma kienx jixraq li wieħed jikteb bih. Jien nixtieq nagħti l-ferħ tiegħi lill-"Għaqda" fil-waqt ukoll li nixtiqilha ħajja twila għaż-żmien li ġej f'għeluq iċ-disgħa u għoxrin sena ta' għomorha.

Din l-Università għandha Kattedra tal-Letteratura Maltija u tħossha ferħana biha. Jien jidhirli, madankollu, u l-fehma tiegħi hija qawwija fuq hekk, illi Kattedra oħra li għandha x'taqsam fil-qrib ma' dik tal-Letteratura Maltija tinħtieġ għall-aħħar fl-Università; u din hija Kattedra ta' l-Istorja Maltija. Jien jidhirli li waħda ma tkunx sħiħa mingħajr l-oħra.

Jien, għalhekk, nagħmel sejħa lill-Membri tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", jew lil kull patrijott ieħor Malti illi l-Providenza ipprovdietu bil-mezzi meħtieġa jew forsi saħansitra lill-istess Meċenate illi waqqaf il-Medalja "Ġużè Muscat Azzopardi" sabiex dan joħloq xi fondi għat-twaqqif ta' kattedra ta' l-Istorja Maltija fl-Università tagħna. L-Università, jiena żgur, hija lesta biex, ma' dawk li għandha, iżżid ukoll din il-Kattedra u ssemmiha bl-isem tal-Fondatur.

Jien nagħlaq dawn l-erba' kelmiet billi nifraħ minn qiegħ qalbi lil ħabibi u sieħbi l-Kav. it-Tabib Ġużè Galea għall-ġieh li lilu sa jingħata l-lum u billi nixtieq lill-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" ħafna u ħafna snin ta' ħajja.

## Diskors tas-Sur A. CREMONA, Viċi-President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti".

Huwa ta' ġieh kbir u xejn inqas ta' għaxqa kbira għalija li l-lum kelli x-xorti bħala Viċi President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" nieħu sehem u nitkellem f'din iċ-ċerimonja tal-Għoti tal-"Premju Ġużè Muscat Azzopardi" lill-Kav. Tabib Ġużè Galea.

Din hija t-tielet darba li s'issa ngħata dan il-Premju imwaqqaf mis-Sur Gino Muscat Azzopardi, kittieb magħruf tal-Malti u bin l-ewwel President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti". Skond ix-xewqa tal-Fondatur tal-Premju (li l-lum jidher floku ħuh, is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, Segretarju tal-"Għaqda"), id-data taċ-ċerimonja tal-Għoti tal-Premju tbiddlet u flok fl-4 ta' Awissu ġiet iffissata għal-lum l-14 ta' Novembru, il-ġurnata li fiha disgħa u għoxrin sena ilu twaqqfet il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti".

It-Tabib Ġużè Galea, fil-kamp letterarju tal-Lsien Malti huwa l-iktar magħruf bħala wieħed mill-aqwa kittieba ta' proża Maltija u bħala wieħed li f'dawn l-aħħar għoxrin sena ħadem bi sħiħ u bla hedu għall-progress tal-Lsien Malti.

Minn mindu l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" bdiet tmidd l-ewwel passi lejn it-triq tar-Rinaxximent letterarju Malti, jew aħjar ukoll minn mindu l-Malti ntrafa' mill-għajb ta' lsien bla ebda letteratura li tagħżlu bħala lsien letterarju, isem Galea beda jissemma fost l-ewlenin li bix-xogħlijiet tiegħu letterarji kien beda jimla ċertu vojt li kellna fil-kitba letterarja Maltija ta' stejjar jew novelli, dak l-vojt li jixbah lil dak tal-letteratura Taljana fis-Seklu Sbatax u Tmintax u li kien imtela bir-rivoluzzjoni romantika fil-bidu tas-Seklu Għoxrin.

Fil-pinna ta' Galea l-proża narrativa, minn sensiela ta' novelli jew stejjer, dlonk kibret u tferrxet fuq qasam wisq iżjed wiesa'—f'dak ta' kitba ta' rakkonti u ta' romanzi li l-lum għandhom il-valur li jagħżluhom minn dik il-kitba dgħajfa u fqajra li konna soltu naqraw (u li jisgħobbina ngħidu li għadna xi ftit naraw fl-idejn) mill-pinna ta' nies dilettanti li għall-ħsieb ta' qligħ kienu għarrqu dak id-daqsxejn ta' xogħol tajjeb li kellna mill-pinna ta' Gio-Anton Vassalli, Klement Mifsud Bonnici, Annibale Preca, Pawlu Bellanti, Don Anton Vella, Fonzu Marija Galea u Napuljun Tagliaferro.

F'Ġużè Galea l-proża narrativa Maltija wriet bixra romantika qawwija b'nisġa mżewqa u fantastika, ukoll meta l-fond huwa storiku, b'xeħta ta' suġġett romanzesk fl-istil u fil-frażjoloġija li tagħżilha minn dik tal-proża vernakolari sempliċi u ċajtiera (għalkemm daqshekk ieħor artistika) ta' Sir Temi Zammit.

Għalkemm Ġużè Galea ma nistgħux ingħidu li kien minn ta' l-ewwel li għammar u żejjen il-kitba Maltija bi proża tajba ta'

novelli u romanzi, nistgħu ngħidu iżda li bix-xogħlijiet tiegħu żied u mela, kif diġà semmejt,, ċertu vojt li kien fadlilna nimlew fil-proża narrativa Maltija. Miegħu, u tista' tgħid warajh ukoli, feġġew oħrajn sħabu, bħala studenti universitarji, kif ukoll dan l-aħħar, kittieba oħra żgħażagħ, li twieldu u trabbew mal-moviment Malti tal-lum, li fihom naraw ix-xejra ta' kitba narrativa tajba li tagħha Ġużè Galea huwa minn ta' quddiem bit-torċa f'idu.

Ġużè Galea, wild raħal li minnu tnisslet l-akbar figura tal-letteratura Maltija, li kien Ġużè Muscat Azzopardi, ma satax max-xeħta letterarja ta' moħħu ma jkollux f'ilsienu sa minn tweiidu u torbitu l-ħlewwa tal-frażi Maltija li biha naraw imżiegħda l-proża tiegħu.

Minn mindu fl-1926, meta kien għadu student tal-mediċina, sewwa sew sena wara li twaqqaf "Il-Malti", l-organu tal-"Għaqda", kien rebaħ l-ewwel premju f'konkors ta' novelli mniedi mill-"Għaqda", Ġużè Galea baqa' jħaddem il-proża Maltija bil-pinna tiegħu għalliela li tat frott hekk kbir fil-kotra u fis-sbuħija li ismu kien beda jingħażel minn oħrajn bħala kittieb u ħaddiem għall-progress tal-Malti, hekk li wara Mons. Psaila, suċċessur ta' Ġużè Muscat Azzopardi, l-ewwel President tal-"Għaqda", huwa nħatar bħala President tal-"Għaqda" u Direttur ta' "Il-Malti".

Il-ħidma ta' Ġużè Galea għall-Malti għandna nħarsu lejha iktar minn banda waħda. Meta l-ewwelnett inħarsu lejha, għal dik li hi ħidma f'Ilsien Malti, u nħarsu lejha b'dawk l-għajnejn prattiċi li jafu jagħżlu bejn ħidma u oħra, bejn mertu u ieħor: irrid ingħid bejn mertu xjentifiku, lingwistiku u mertu letterarju, li fil-kamp tal-progress Malti l-lum għandu l-valur tiegħu, u li jiswa mhux ftit għall-isvilupp akkademiku u popolari ta' lsienna—mertu li f'ilsna oħra għażel il-filologu mir-rumanzier u mill-poeta; lil Johnson minn Sir Walter Scott, lil Skeat minn Meredith fl-Ingliż, u lil Verga mill-Ascoli fit-Taljan, u fl-Ilsien Malti lil Ġan Anton Vassallo minn Dr. Stefano Zerafa u lil Ġużè Muscat Azzopardi minn Ġanni Vassallo—aħna għandna nsibu li Ġużè Galea fil-ħidma letterarja Maltija tiegħu, għandu ċertu mertu li ma jistax jibqa' moħbi fil-għajnejn ta' l-istudjużi ta' l-Istorja Letterarja Maltija.

Mertu ieħor kbir tal-ħidma ta' Ġużè Galea fil-Malti huwa

dak li għalkemm dejjem imgħobbi bix-xogħol tal-karika profes-sjonali tiegħu li jeħodlu l-ħinijiet kollha tal-ġurnata, biex ma ngħidx ta' bil-lejl ukoll, huwa sab dejjem iż-żmien b'leħħa u sabar li ma bħalhom biex iħaddem il-pinna tiegħu fil-kitba Maltija, barra milli jilħaq max-xogħol ta' l-edizzjoni ta' l-organu tal-"Għaqda". Bħalma kont semmejt f'ċirkustanza oħra, Ġużè Galea huwa wieħed mill-eżempji rari ta' nies xjenzjati Maltin (kif ukoll naħseb ta' xjenzjati barranin) li taw ruħhom għal-letteratura. Ġużè Galea, bħala tabib, igħaqqad għalhekk fil-ħidma tiegħu letterarja l-isbaħ figura fl-istorja tal-letteratura Maltija fost nies xjenzjati Maltin, xi wħud tobba bħalu, bħalma huma Dr. Bonamico, Dr. Stefano Zerafa, it-tabib Lorenzo Manchè, Sir Temi Zammit, u sħabu ta' żmienu, il-mejjet u qatt minsi Ġużè Bonnici, Rużar Briffa u Manwel Agius.

Aħna, għalhekk, nieħdu b'idejn in-novellier u rumanzier tagħna, b'dik il-ħeġġa u ferħ ta' Maltin, kittieba u studjużi tal-Malti u nifirħulu bil-qalb kollha tal-ġieh li lilu ngħata l-lum, ġieh li jirrifletti wkoll l-ewwelnett fuq din l-Università li minnha huwa ħareġ bħala kittieb tal-Malti b'isem sabiħ mill-ewwel, imbagħad fuq l-ilsien Malti stess magħruf akkademikament bħala Lsien Letterarju, b'Kattedra f'din l-Università, u, nittamaw li bħalma, meta student universitarju, l-ewwel premju li kien ħa mill-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" 23 sena ilu, ġagħlu jissokta jmur il-quddiem fit-triq sabiħa tal-kitba narrativa Maltija, il-lum ukoll il-premju mogħti lilu, li jfakkarna fl-istess ħin fil-mertu tal-Kittieb veteran Ġużè Muscat Azzopardi, għandu jqawwilu qalbu biex jissokta jagħni, iżejjen u jorqom l-ilsien Malti b'xogħlijiet oħra tal-pinna tiegħu.

*Traduzzjoni mill-Ingliż.*

## Diskors ta' l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur, Sir GERALD CREASY, K.C.M.G., O.B.E.

Naħseb li ħaġa xierqa ħafna li din iċ-ċerimonja ssir il-lum, il-ġurnata ta' meta twaqqfet il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" 29 sena ilu, u nħoss li hu ta' ġieh kbir għalija li l-lum ninsab hawnhekk fostkom u li ġejt mitlub biex nippreżenta lit-Tabib Ġużè Galea l-Medalja "Ġużè Muscat Azzopardi".

Jekk niftakar sewwa xi ħadd darba qal illi lsien ħaj huwa dejjem li jagħti l-ħajja lill-poplu. Bla dubju ta' xejn, il-"Għaqda

tal-Kittieba tal-Malti" jistħoqqilha l-aqwa ħajr u ferħ tagħna għax-xogħol ta' siwi mill-akbar li hi wettqet f'dawn l-aħħar tletin sena biex tat il-ħajja lill-Ilsien Malti u biex mexxiet u ħeġġet—kif qalilna tajjeb ħafna s-Sur Cremona—il-Qawmien letterarju tal-Lsien Malti. Dan ix-xogħol jistħoqqlu, u jien żgur li sejjer ikollu l-akbar għajnuna minn għand dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-kawża tal-letteratura Maltija, ħalli b'hekk din il-letteratura tibqa' tikber u tistagħna u tkun għajn ta' ġmiel u ta' kobor għalina lkoll.

Il-lum aħna qed nagħtu gieħ lit-Tabib Galea għall-ħidma tiegħu f'dan il-kamp letterarju. Jien inqis li mhuwiex l-inqas wieħed fost il-ħafna nuqqasijiet li għandi illi jien ma nistax naqra x-xogħlijiet tiegħu kif inhuma miktuba fl-oriġinal, iżda dwar dawn ix-xogħlijiet smajt biżżejjed biex nista' nirrealizza kemm hi kbira u għanja l-kontribuzzjoni li hu għamel, u kemm tassew jistħoqqlu l-premju li hu ġie mogħti.

Issa għandi l-akbar pjaċir nippreżenta din il-medalja taddeheb, il-medalja "Ġużè Muscat Azzopardi", lit-Tabib Ġużè Galea, u magħha nagħtih minn qalbi l-ferħ tiegħi għal dak kollu li diġà wettaq u l-aħjar xewqat tiegħi għaż-żmien li ġej.

## Diskors ta' IVO MUSCAT-AZZOPARDI, P.L., Delegat tal-Fundatur tal-Premju

Għal darba oħra qed nidher quddiemkom, ferħan imma kontra qalbi. Ferħan għax inħossni privileġġat li f'okkażjoni bħal din ġejt magħżul bħala wieħed fost il-ftit li se jitkellmu, imma kontra qalbi għax kont nippreferixxi li floki kien hawn ħija Gino, il-Fondatur ta' dan "il-Premju", li f'ismu qed nitkellem, u li ma jistax ikun hawn fostna għax jinsab imsiefer.

Għalhekk, immela, il-ftit kelmiet li se ngħidilkom miniex se ngħidhom bħala Segretarju tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", li għaliha ġa kellimkom il-Viċi-President wisq denn tagħha, u anqas bħala bin Ġużè Muscat-Azzopardi li f'ismu twaqqaf dan il-Premju, imma sa nitkellem flok il-Fondatur ta' dan il-Premju u qabel xejn irrid inwieġeb mistoqsija li aktarx ħafna minnkom jixtiequ jistaqsuni. Il-għala din is-sena l-Midalja "Ġużè Muscat-Azzopardi" sa tingħata fl-14 ta' Novembru u mhux fl-4 ta' Awissu?

It-tweġiba hija din: Billi l-4 ta' Awissu, jum li fih miet

missier il-Fondatur jaħbat jum San Duminku, u wkoll jaħbat fl-eqqel tas-sajf, kif ukoll jaħbat l-1 ta' Settembru, jum li fih twieled Ġużè Muscat-Azzopardi, u f'din l-epoka ħafna nies interessati f'din il-għotja jkunu aktarx imsefrin, il-Fondatur iddeċieda li jbiddel id-data għal din ċ-ċerimonja f'dik ta' l-14 ta' Novembru, jum li fih twaqqfet il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li tista' tingħadd bħala l-aħħar biċċa xogħol ta' fejda li għamel Ġużè Muscat Azzopardi għall-Ilsien Malti u għal Malta.

Issa jiena naħseb li f'din l-okkażjoni tajjeb wieħed ifisser lis-Sinjuri hawn presenti u lil dawk kollha li jinteressaw ruħhom f'Ilsien Malti, Ilsien il-Gżira, u fl-isvilupp tal-Letteratura tiegħu, li meta ħija Gino ġieh il-ħsieb li jwaqqaf dan il-Premju biex jingħata ġieh lil xi bniedem li jkun ħadem għall-Ilsien Malti, li missieru, li hu missieri, tant kien iħobb u għalih ħadem għal 53 sena sħaħ, bla hedu, u bi ħrara u ħeġġa li ma bħalha, sakemm qafel għajnejh għal kollox, qatt ma għaddielu minn rasu li dan il-ġieh għandu jingħata biss lil xi Malti li jkun ta sa ċertu żmien, f'idejn il-Maltin, kotba sbieħ bil-Malti; imma li jista' jingħata wkoll lil xi bniedem li bil-ħidma tiegħu jkun safa' ta' ġid għall-ilsien Malti; f'kelma waħda fuq min jaqa' dan il-ġieh jista' jkun bniedem li qatt ma kiteb xejn bil-Malti; mhux biss, imma wkoll bniedem li mhux Malti u wkoll bniedem li qatt ma ra lil Malta b'għajnejh; u jien nassigurakom li mhiex ħaġa impossibbli—għalkemm mhiex wisq probabbli—li xi darba dan ma jsirx.

U dan qed ingħidulkom biex infehemkom li jekk il-keffa talmiżien ixxaqilbet in-naħa ta' Ġużè Galea, ifisser li Ġużè Galea ma għandux jidher quddiemkom biss bħala r-rumanzier wisq magħruf li ta lil-letteratura Maltija "Żmien l-Ispanjoli", "San Ġwann", jew "Raġel bil-Għaqal" u tant rumanzi u novelli sbieħ oħra, imma bħala dak il-bniedem li bis-"savior faire" tiegħu kellu l-ħila, fi żmenijiet ta' taħwid u twegħir politiku li nqala' ma' tul l-aħħar gwerra u warajha, għaraf iżomm l-Ilsien Malti f'dik it-triq imdawla b'vampa nar waħda, it-torċa tal-letteratura, torċa mixgħula minn xrara li ħarġet minn qalb u moħħ Ġużè Muscat-Azzopardi, u li wara, Dun Karm Psaila għaraf iżomm dejjem ħajja u mixgħula tajjeb sakemm għoġbu jgħaddiha f'idejn Ġużè Galea, li għalkemm mgħobbi bix-xogħol uffiċjali tiegħu, xogħol ta' l-akbar responsabbiltà, ma nesa qatt dmiru lejn Ilsien

Art twelidu u wera ruħu dejjem imħejji biex b'għaqlu jagħmel tarka kontra dawk l-irjieħ ħżiena li, ta' bil-fors, minn żmien għall-ieħor iqumu u jonfħu kontra kull dawl ħa jippruvaw jitfuh. Din hija s-solta taqbida bejn it-tajjeb u l-ħażin.

Ġużè Galea, mela, għandu prerogativi oħra barra minn dawk ta' kittieb u għal seba' snin sħaħ għaraf iżomm, dejjem lesta f'idu, il-ġarra taż-żejt biex malli jħoss u jara li l-baħar beda jitqanqal, arah jitfa' f'wiċċ l-ilma ftit minn ta' ġo fiha ħa jraqqad il-qilla tal-mewġ. Lil Ġużè Galea nistgħu bla dubju xejn ngħodduh bħala xempju, is-simbolu tal-"Għaqda" fost il-Kittieba tal-Malti.

Dan il-ġieħ li l-lum waqa' fuqu mhux xi ħaġa kbira jew ġdida għal ħabib tagħna. Ġużè Galea, mogħni b'diplomi ta' studji universitarji kemm ta' Malta kif ukoll ta' barra, mogħni b'kavaljerat, mogħni b'titlu mogħti lilu mill-M.T. ir-Re, baqa' dejjem Ġużè Galea, il-mexxej għaqli, dejjem imħejji biex jagħti lil kulħadd dak li ħaqqu u, għalkemm b'sagrifiċċju mhux ċkejken, dejjem imħejji biex igħaddi sigħat sħaħ bil-pinna maltija f'idu, pinna nadifa f'idejn bniedem mimli dehen għax x'jiswa li jkollok id-dehen, bħalma kellu Voltaire u tant oħrajn, imbagħad ikollok il-pinna li tniġġes u tniggeż, u ssemmem?

Il-ġieħ għalhekk li l-lum lilu ġie mogħti bħala bniedem mogħni b'kelma li tikkonvinċi u mhux b'saħħa li tegħleb, u li ħadem għall-Malti għal snin sħaħ, wisq wisq qabel ma nħatar President tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", hu ġieħ mistħoqq u j'A'la l-eżempju kbir tiegħu jifhmuh iż-żgħażagħ tagħna u l-imħabba tiegħu għall-Ilsien Malti u għal Malta, tkun imitata minn bosta li fosthom għad iridu jinsabu s-suċċessuri ta' Dun Karm Psaila, Ninu Cremona u Ġużè Galea.

Ħabib u Tabib, nifraħlek b'qalbi kollha f'isem ħija Gino u f'isem il-familja Muscat-Azzopardi.

## Diskors tal-Kav. ĠUŻE' GALEA, M.B.E., M.D., D.P.H., Rebbieħ tal-Premju "Ġużè Muscat-Azzopardi"

Meta l-Manjifiku Rettur ta' din l-Università għarrafni f'isem il-Ġurija tal-"Premju Muscat Azzopardi" li din is-sena għażlu lili għal dan il-Premju, ingħidilkom is-sewwa, ma nafx jekk

jiena fraħtx aktar milli stagħġibt.



Il-Kav. G. Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.

Stagħġibt għax fost il-ħafna li jimmeritahom ix-xorti messet lili; jien l-ewwel wieħed li nagħraf kemm il-lum għandna f'Malta nies li għall-ħidma tagħhom b'rizq il-Malti jixirqilhom kull ġieħ; dawn in-nies, skulari, studjużi, letterati u skritturi, huma msemmijin u magħrufin mhux biss f'pajjiżna iżda barra minn Malta wkoll, isimhom jissemma kull fejn hemm ċentri kulturali u għalhekk bilħaqq kollu jistgħu jingħaddu man-nies kbar u tal-ġieh, iżda jiena nippretendi li f'ħaġa waħda m'iniex anqas minnhom: fl-imħabba tiegħi lejn l-Ilsien Malti u lejn dak kollu li jweġġah u jkabbar 'il Malta. Minn ċkuniti ħassejt ġibda kbira lejn l-ilsien tagħna u għożża għal-letteratura tiegħu; din il-ġibda u din l-għożża kibru miegħi u l-lum huma l-għaxqa ta' qalbi; jiena dejjem ħdimt u ħabrikt biex immexxi 'l quddiem il-letteratura Maltija u għal dan l-iskop jiena iddedikajt il-ħinijiet li kelli ħelsin mid-dmirijiet tiegħi professjonali.

Fil-waqt li stagħġibt jiena fraħt ukoll; l-ewwelnett fraħt għax hi ħaġa naturali li kull min jirċievi xi premju għandu jifraħ, u t-tieninett għax għalija dan il-premju għandu siwi speċjali; kull premju jista' jkollu bosta valuri u, għalija, din il-medalja għandha diversi valuri: għandha l-valur tagħha intrinsiku, il-

valur sentimentali u l-valur spiritwali. Fost dawn lanqas ta' importanza huwa l-valur intrinsiku.

Jiena ngħożż wisq il-valur sentimentali ta' din il-medalja għax hi tressaqni u tgħaqqadni ma' dak il-bniedem li kienet magħmula biex tfakkar ismu. Jiena dejjem kelli ammirazzjoni kbira lejn il-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi, dejjem ħassejt imħabba lejh u dejjem għożżejt il-memorja tiegħu; jiena lil Ġużè Muscat Azzopardi dejjem żammejtu bħala mudell ta' ċittadin Malti: raġel reliġjuż, patrijottiku u soċjevoli li fost il-bosta xogħlijiet li bihom kien imgħobbi kien isib il-ħin biex jiddedika ruħu għal xogħlijiet letterarji li jagħmlu ġieh lil pajjiżu daqs kemm jagħmlu lilu nnifsu.

Il-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi huwa bir-raġun kollu magħdud bħala Missier tal-Letteratura Maltija u jien inqisu bħala missieri fil-kamp letterarju; hu li fetaħli għajnejja għall-ġmiel tal-letteratura in ġenerali u tal-Maltija b'mod speċjali; hu li ħajjarni nikteb bil-Malti, hu li għamilli l-ħila u l-qalb biex nagħti ruħi għall-kitba. Niftakar, kont għadni daqsxejn ta' student, kont mmur naraħ fl-istudju tiegħu li kellu Ħal Qormi u hu bil-ħlewwa u bis-sabar kien jagħtini d-dawl fuq il-kitba, igħallimni, iwissini, imexxini u jiftaħli moħħi; għalhekk għadni sal-lum meta naqra l-kotba tiegħu u meta nisma' episodji fuq ħajtu, qalbi tħeġġeġ b'entużjasmu kbir u għalhekk ukoll din il-medalja li tfakkar ismu għandha għalija valur sentimentali.

Iżda barra l-valur sentimentali din il-medalja għandha wkoll il-valur spiritwali, għax fil-kas tiegħi hi ġiet mogħtija għal merti letterarji. Daż-żmien il-letteratura ma titqiesx biss bħala espressjoni artistika u, wisq inqas, bħala mezz ta' mogħdija taż-żmien, imma l-letteratura l-lum titqies bħala espressjoni ta' dak kollu li hu nobbli, ta' dak li hu sabiħ, ta' dak li hu għoli, ta' dak li hu raffinat fil-ħajja tal-poplu; f'kelma waħda l-letteratura turi s-sura ta' ruħ il-poplu u għaldaqshekk hi l-espressjoni spiritwali ta' popolazzjoni u billi, bħalma għidt, din il-Medalja ġiet mogħtija lili għal merti letterarji, jiena nqisha bħala simbolu tal-ħajja ġdida u ta' l-aspirazzjonijiet spiritwali tagħna l-Maltin.

Hawn nixtieq infakkar isem il-fundatur ta' dan il-Premju, is-Sur Gino Muscat Azzopardi li, għalkemm ma jinsabx hawn fostna jiena żgur li kull min hawn f'din is-sala u mijiet ta' nies oħra li jafu b'din iċ-ċerimonja, kollha qegħdin jaħsbu fih u jfaħ-

ħruħ u jammirawħ. Is-Sur Gino Muscat Azzopardi ħaqqu kull ġieħ u kull rikonoxximent għax bil-fondazzjoni ta' dan il-Premju hu għolla lil Malta għal-livell ta' pajjiżi oħra ċivilizzati.

Il-lum il-pajjiżi ċivilizzati qegħdin jagħtu importanza kbira lill-isvilupp intellettwali tagħhom u qegħdin jagħmlu minn kol-



**L-E.T. il-Gvernatur qed jehmeż il-Medalja fuq sider il-Kav. Dr. Ċ. Galea.**

*(B'radd ta' ħajr lit-"Times of Malta").*

lox biex iżidu u jinkoraġġixxu l-ħidma intellettwali, għax l-ħidma intellettwali hi patrimonju nazzjonali li jżid mhux ftit u jgħolli ħafna l-ġieħ tal-pajjiż. Il-lum hu magħruf li l-kobor ta' pajjiż ma jikkonsistix fl-estensjoni territorali jew fir-rikkezzi biss, iżda jiddependi ħafna mill-kontribut li dak il-pajjiż jagħmel għall-ġid ta' l-umanità. Hekk hemm ħafna pajjiżi, biċċa minnhom il-lum

spiċċaw, li għadhom imfaħħrin u miqjumin mhux għal kobor ta' l-artijiet tagħhom u lanqas għal għana li kellhom, iżda għall-ħidmiet artistiċi, letterarji, xjentifiċi u umanitarji li bihom sedd-qu ħajjet il-bnedmin. Għal din ir-raġuni n-nazzjonijiet ċiviliz-zati qegħdin jagħmlu mill-aħjar li jistgħu sabiex jinkoraġġixxu l-pajżani tagħhom biex jagħtu moħħhom għal xogħlijiet kulturali, u qegħdin jagħmlu dan bilii jwaqqfu fondazzjonijiet, jagħtu pre-mijiet u ħwejjeġ oħra biex iħajru u jagħmlu l-qalb lill-għorrief tagħhom. Għalhekk is-Sur Gino Muscat Azzopardi, meta waq-qaf dan il-Premju f'Malta ġieb lil din il-Gżira bħal pajjiżi oħra, u għalhekk, narġa' ngħid, jistħoqqlu kull ġieħ u hawn naħseb li nkun infisser ix-xewqa tagħkom u tal-Maltin kollha, meta niż-żiħ ħajr u nitlob lil ħutu u lil qrabatu kollha biex iwasslulu l-ħajr u l-foħrija tagħna.

Issa nixtieq insemmilkom fuq idea li kellu f'rasu s-Sur Gino Muscat Azzopardi meta waqqaf din il-fondazzjoni; l-iskop tie-għu kien li din il-Medalja ma għandhiex titqies bħala l-inkoro-nazzjoni finali ta' karriera letterarja, iżda għandha titqies bħala mezz ta' inkoraġġiment u ta' ħajran għal ħidmiet aqwa u akbar fil-kamp artistiku, letterarju, xjentifiku u soċjali. Dawk li ħadu din il-Medalja jħossu li hemm min japprezza x-xogħlijiet tagħ-hom u għalhekk jinxtehtu aktar bil-qalb għal xogħlijiet oħra, u dawk li jistennew din il-Medalja jżidu u jkattru l-ħidmiet tagħ-hom u jagħmlu ħila għax jafu li hemm premju sabiħ u tal-ġieħ imhejji għalihom.

Fl-aħħarnett irrid nżżi ħajr lilek, Eċċellenza, talli għoġbok tiġi tippresjedi din iċ-ċerimonja u bil-miġja tiegħek tkattar l-im-portanza u s-sinjifikat tagħha u fl-istess ħin tagħmel ġieħ kbir lill-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li organizzat din iċ-ċerimonja. Jiena wkoll nirringrazzjak bil-qalb kollha talli għoġbok tonorani billi tehmiżli b'idejk din il-Medalja fuq sidri. Irrid nżżiħajr lilek ukoll, Eċċellenza Reverendissima, talli għoġbok tiġi tono-rana u bil-presenza tiegħek hawn iżżid il-lustru u s-solennità ta' din iċ-ċerimonja, u lilek ukoll, Onorevoli Prim Ministru, irrid nżżik ħajr talli fost il-ħafna xogħol li bih tinsab imgħobbi, sibt il-ħin biex tiġi hawn magħna tagħmlilna l-qalb u tonorana u fl-istess ħin turi kemm il-Gvern għandu għal qalbu dak kollu li jiswa ta' ġid lil pajjiżna. Imbagħad irrid nirringrazzja wkoll lil-kom, Onorevoli Sinjuri u ħbieb tiegħi, talli ġejtu hawn tonoraw-

ni bil-presenza tagħkom; din l-imġiba tagħkom hi ta' soddisfazzjon kbir għalija u jien ma ninsieha qatt. Għalhekk nispiċċa dawn il-kelmtejn tiegħi billi niżżihajr lil kulħadd u billi naf li hawn ħafna fostna li qegħdin jaħdmu sħiħ għall-ġieh ta' Malta u ta' l-Ilsien Malti, nixtiqilhom kull suċċess u nawguralhom li ma jdumux ma jmisshom huma wkoll dan il-ġieh tal-"Premju Ġużè Muscat Azzopardi".

## O TEMPORA! O MORES!

*Ta'* Wallace Gulia

Rajtkom ferħana, lewn in-nar ħaddejkom,
Id f'id għaddejja;
Kien wara nżul ix-xemx, u jien stħajjiltkom
Ġarrabtu l-għeja
Ta' ramliet imbiegħda, ta' blat u bajja,
U xofftejkom rajt
Qegħdin iduqu l-qroll li tagħti l-ħajja:
Wegħditkom smajt!
U għirt għas-saħħa ta' mħabbitkom sħiħa
Bla ħjiel ta' frugħa;
U għirt ġo qalbi għat-tamiet sabiħa
Ta' qlub żagħżugħa!
Għaddejtu l-lum quddiem xulxin bla sliem,
Bla ferħ, bla ħeġġa:
Haristu 'l hinn, f'fommkom mitbuq il-kliem,
U l-qlub imweġġgħa...

## FRAK

*Ta'* A. Cremona

### FRAŻIJIET U QWIEL FEJN TIDHOL IL-KELMA "LSIEN"

Ilsienu twil; Ilsienu jikkmandah; Ilsienu jaqta'; Ilsien bla għadam, iżda jfarrak l-għadam; Ilsien herrież, isħqu ġol-mehrież; Ilsien il-bniedem jittiekel bil-għasel; Ilsna tan-nar; Ilsien ta' qanpiena; Ilsien ta' moħriet; Ilsien ta' art; Ilsien il-kelb (ħaxixa, *Cynoglossum officinale*); Ilsien il-fart, (ħaxixa, *Echium vulgare*); Ilsien il-għasfur (ħaxixa, *Silene sericea et nocturna*); Ilsien il-għasfur (pastina); Ilsien ta' San Pawl (fossili); Ilsien tal-laħam imma jxoqq il-għadam; Ilsienu ma jdurx; Wisq drabi lsienek għandek iżżommu bejn snienek; Ilsienu jieklu; Ilsienu ħażin; M'għandux ħajta f'ilsienu; Ilsien ta' tellerita.

# NAF B'KOLLOX!

KUMMIEDJA B'ATT WIEHED

ta'

IVO MUSCAT-AZZOPARDI

## PERSUNAĠĠI:—

**GIRGOR XUEREB** — 55 sena.
**FONSU MUSKAT** — 60 sena.
**GINO PISANI** — 30 sena, namrat ta'
**EMMA XUEREB**, 24 sena, bint Girgor.
**GERTIE**, ħabiba ta' Emma.
**PINU**, seftur tas-sur Girgor.
**GREZZJU**, ġardinar tas-sur Girgor.
**KELINU**, il-boj tal-grocer.

---

*(Copyright ta' Ivo Muscat-Azzopardi P.L.)*

# NAF B'KOLLOX!

---

## IX-XENA TURI:

Salott fid-dar tas-sur Girgor. Bieb fin-nofs li jagħti għal barra. Fuq ix-xellug bieb li jagħti għall-kmamar ta' ġewwa; fuq il-lemin bieb ieħor li jagħti għal kmamar oħra u tieqa li tagħti għall-ġnien.

GIRGOR: (*bil-qiegħda, b'sigarru f'ħalqu*) Fons, li kieku ma kontx ħabib kbir tiegħi, ma kontx inħallik tersaq iżjed lejn din id-dar li ilek tiġi fiha, kważi kuljum, għal żmien tassew twil.

FONSU: (*imdejjaq, kultant ipoġġi mal-ġenb tal-pultruna mingħajr ma joqgħod fuqha bil-qiegħda u kultant jippassiġġa*) U iva; ilek ħafna tgħidli hekk, imma inti ma tistax tgħaddi mingħajr it-tgemgim tiegħi. Id-dwejjaq tiegħi saru biċċa minn ħajtek u issa tant drajtu li meta, kultant, tarani mehdi u kalm, u kemxa kwiet u hieni, tibda titħasseb u taħseb ħażin fija u tgħid f'qalbek: Fonsu żgur li ġralu xi ħaġa serja... la mhux igemgem.

GIRGOR: Iva... hekk hu... imma l-lum eżaġerajtha ftit u ħallejtni bla nifs.

FONSU: Xi tridni nagħmel la kulħadd konfoffa waħda biex igħakkisni, idejjaqni, jiżnervani, ixebbagħni sal-ponta ta' mnieħri...

GIRGOR: U iva... għax int tieħu kollox bil-kbir... ma tafx tifhem id-dinja... jeħtieġ tkun ftit u xejn filosfu...

FONSU: Bi kbir eh? Sakemm kienet is-seftura li ġarritli nofs id-dota ta'... Alla jaħfrilha marti... lożor mill-isbaħ li l-lum anqas jafu jħarsu lejhom u li jien kont ingħożż u narfagħhom bħala tifkira tagħha... u qomos ta' bil-lejl... u kemm bjankerija oħra...

GIRGOR: U x'fiha din! Ċetta taf li int armel u dehrilha li flok joqgħodu jitmermru fil-kxaxen tal-gradenza tiegħek, aħjar jagħmlu żmienhom f'sodditha...

FONSU: Iva, eh? U x'ingħidu għall-platti, frieket, xi buqar...

GIRGOR : Ara, issa taħseb xejn iżjed fuq Ċetta. Qbadtha fil-fatt, keċċejtha, u daħħalt flokha lil Nina... u l-affari spiċċat.

FONSU : Ajma żaqqi, namriċes tal-prima! Dari saret qisha l-Palazz tal-Gvernatur, dejjem bl-għassa fil-bieb għax in-namrat ta' Nina, li nzerta suldat ta' l-artillerija u ordinanza tal-Kurunell, iżjed iqatta' żmienu wara biebi milli fil-kwartier.

GIRGOR : Mhux aħjar għalik? Xejn xejn taf li ħallelin f'darek ma jistgħux jidħlu.

FONSU : Girgor, li kieku kienet biss l-affari tas-seftura, orrajt. Imma, taf int, issa nqalgħet l-affari ta' binti li waħħlitha f'rasha tinnamrali ma' wieħed, bla xogħol, li moħħu mhux ħlief iwiegħdha li se jeħodha tgħix fl-Awstralja u mhux tibqa' f'dit-toqba ta' Malta, kif għoġbu jlaqqamha hu.

GIRGOR : U, ma għandna x'ingħidu xejn, bintek li ftit rat mid-dinja għax int qajla tħalliha toħroġ, xegħlet vampa nar u trid titlaq ħin bla waqt.

FONSU : Hekk hu... hekk hu...

GIRGOR : U l-affari ta' ibnek kif spiċċat?

FONSU : Fejn konna bqajna. Ma jridx jisma' minni u jrid bil-fors jiżżewweġ. Ara jien iniex se nħallih jitħallat ma' dik il-familja... mill-aktar nies baxxi ta' Malta. Jista' jdum iħambaq... u jistenna l-permess tiegħi!

GIRGOR : Mela x'se tagħmel?

FONSU : Inħallih igħanni kuljum l-istess romanza... u jien ninfoska f'demmi.

GIRGOR : Bilħaqq, Fons. Pietru Muscat kien tahomlok dawk il-flus? Ilek ma ssemmihomli!

FONSU : U x'tani tani! Ma kontx għidtlek li l-avukat tiegħi meta fittex fl-insinwa, sab li ma għandu xejn tiegħu? U li ilu fallut aktar minn ħmistax-il sena? Tant ilu fallut li n-nies, bħas-soltu, insew bl-affari tiegħu u raġa' qed jieħu r-ruħ... minn fuq spallejn ħaddieħor...

GIRGOR : U fost dawn il-ħafna spallejn hemm l-imsejkna spallejk ukoll, mhux hekk?

FONSU : Hekk hu... ħaqq l-imbruljuni kollha tad-dinja...

GIRGOR : Ara, Fons, ma nitkellmux iżjed fuq il-għawġ tiegħek, għax nibża' li...

FONSU : Xejn tibża' li se jiġi xi ftit minnu għandek. Il-bniedem jitwieled taħt ċerta stilla, tajba jew ħażina; tiegħek inzertat mit-tajbin u ma għandekx ħlief tiżżi ħajr lis-sema li, la wliedek, u la ġarek, u la s-sefturi tiegħek u anqas ħbiebek, ma jagħtuk fastidju u mrar x'tixrob. Inti kollox ward u żahar ma' dwarek, fil-waqt li jien kollox xewk, u x'kull xewka, ħabib!...

GIRGOR : Le, Fons, jien ukoll għandi x'jinkwetani, imma ma neħux l-affarijiet bil-kbir, bħalek, u għal kull ħaġa ta' xejn...

FONSU : U ħallini minnek. Lilek qatt ma inkwetak ħadd u qed tgħix fil-ġenna ta' l-art...

GIRGOR : Mela nsejt dak l-imbierek ta' Ġino Pisani? Dejjem għal wara Emma!

FONSU : X'fih tmaqdar Ġino Pisani?! Imqar li binti sabet xi wieħed bħalu.

GIRGOR : Tridx inċedihulek?

FONSU : Mela Ġino xi pakkett sigarretti?

GIRGOR : Biex nurik li ma għandi xejn kontu. Ajma jommi! Taf x'qalli li jagħmel meta staqsejtu?

FONS : Le, jaqaw?

GIRGOR : Detektiv privat. Aħseb ftit kemm jista' jaqla' x'jiekol f'Malta bi professjoni bħal din. Detektiv privat! Meta kull ma jsir ġo Malta, ukoll jekk isir f'kamra maqfula ġo nofs għalqa bejn l-Imdina u l-Imġarr, wara ħames minuti tkun tafu Malta kollha...

FONSU : Issa qed teżaġeraha żżejjed!

GIRGOR : Neżaġeraha?! Hu mill-bajd! Qum xi darba fil-għodu kmieni, qabel titla' x-xemx. Mur f'xi rdum in-naħa ta' Had-Dingli, u ixtri nofs tużżana bajd. Aqbad ajruplan, jekk jista' jkun awtoġiro li bih tista' tinżel fi Pjazza San Ġorġ, ħudha bla nifs sas-Suq, u tara kif il-prezz li talbuk f'Had-Dingli huwa sew-sew bħal dak li ġa jafu bih is-Suq, u l-Marfa, u tas-Sliema, u Wied Għammieq.

FONSU : Iva... iva...

GIRGOR : Jien naħlef li Marconi hawn sabu s-segriet tat-telegrafija bla fili.

FONSU : Għandek raġun, tafx!

GIRGOR : U mela kif trid li Ġino jaqla' ħobżu, u flus biżżejjed

biex ilibbes il-mara, bi professjoni ta' detektiv privat ġewwa Malta? Ma jarax li ma jeżistux fid-dinja imbeċilli akbar minnu!

**XENA II — Girgor — Fonsu — Gino.**

ĠINO: (*li jkun deher fil-bieb fil-bidu ta' l-aħħar frażi*) Grazzi wisq mill-kumpliment...

GIRGOR: Skużani, sur Pisani, imma taf int...

FONSU: Ara, sur Pisani, la teħodhiex bi kbira, imma s-sur Girgor, sa ċertu pont, għandu raġun. Għax ma tatihx xi prova li biha tippruvalu u tikkonvinċieh li qiegħed fit-tort u li bil-professjoni nobbli li għażilt tista' liberament... (*idur fuq Fonsu*) Fons, l-affari tal-bajd ta' Had-Dingli jaf biha?

GIRGOR: Iva jaf, ġa għidtħielu xi darbtejn, imma ma niżlitlux...

ĠINO: Ara, sur Girgor, jekk int imdejjaq b'din l-insistenza tiegħi, kun af li jien imdejjaq aktar minnek. Jien u Emma ninħabbu u xbajna nistennew. Jien għandi 30 sena magħluqa u Emma tagħlaq 24 il-ġimgħa d-dieħla.

FONSU: Mela mhux għoxrin għandha?

ĠINO: Uffiċjalment 24. Mela jidhrilna ma għandniex iżjed żmien x'nitilfu. Jien biex nurik li jien raġel u galantom, qatt ma kellimtha lil bintek ħlief f'din il-kamra, bis-serqa, dejjem b'xi ħadd ieħor preżenti.

GIRGOR: Dan veru, imma l-punt li jeħtiġilna niċċaraw mhux dan. Il-punt kien, għadu u jibqa' dejjem wieħed: irrid prova li l-professjoni tiegħek tiswa għal xi ħaġa, hija professjoni ta' fejda għal xi ħadd, speċjalment f'Malta fejn... l-affari tal-bajd tafha tajjeb... f'kelma waħda hija professjoni li biha tista' tikxef xi ħaġa ġdida, xi ħaġa mistura, moħbija, u mhux ħwejjeġ magħrufa minn Malta kollha bi ħġarha.

ĠINO: Bravu, sewwa wisq, u, la trid tafha, għalhekk ġejt għandek il-lum. Ġejt biex nispiċċa din il-pantomina darba għal dejjem.

GIRGOR: Mela dak li għandek tirhan biegħu, dak li għandek tagħmel għamlu għax, jien ukoll, la trid tafha, imxabba' sa xfar għajnejja u li ma kontx int ma' riġ-

lejja, kont inkun l-iżjed bniedem feliċi ta' Malta u forsi wkoll tad-dinja. Int biss tinkwetani, int flok Pisani jmissek tbiddel kunjomok f'salibi, insomma Saliba.

ĠINO : Tajjeb wisq. Sejjaħ lis-sinjurina, u sewwa sew kif hawn preżenti s-sur Fons, li jista' jiswielna ta' xhud, nikkonkludu patt, nagħmlu speċi ta' mħatra. Jekk nirbaħ jien tħallini niżżewweġ lill-maħbuba Emma fi żmien xahrejn; jekk nitlef ngħib minn quddiemkom għal kollox.

GIRGOR : Dritt għas-Siberja.

FONSU : Jien jidhirli li s-sur Pisani qed jitkellem ta' veru raġel u ta' veru galantom.

GIRGOR : Iva, hekk hu, mela nispiċċawha darba għal dejjem. (*isejjaħ*) Pinu! (*lil Ġino*) U x'inhu dan il-patt, jekk jogħġbok?

ĠINO : Patt sigriet li ma għandu jkun jaf bih ħadd. Fhimt? Ħadd.

FONSU : Dan żgur, la hu sigriet, ħadd ma għandu jkun jaf x'inhu.

## XENA III — Pinu u ta' qabel.

PINU : (*mil-lemin*) Sejjaħtli, sinjur?

GIRGOR : Iva. is-sinjurina hawn?

## XENA IV — Emma u ta' qabel.

EMMA : (*li donnha kienet qiegħda tissamma' minn wara l-purtiera*) Iva, hawn jien, papà, trid xi ħaġa?

GIRGOR : Dan kif tfaċċajt f'daqqa waħda? Donnok smajtna b'seħer!

EMMA : Inzertajt, b'kumbinazzjoni tafx, wara l-purtiera, sewwa sew meta...

PINU : X'kumbinazzjoni hux, sinjur! Mela jien nista' nissokta l-faċendi ġewwa, hux hekk?

GIRGOR : Iva... iva... tista' tmur... (*Pinu joħroġ*) X'kumbinazzjoni!

FONSU : Int ma tafx li l-imħabba bħall-kalamita!

GIRGOR : Hekk hu... (*lil Emma*) Isma' Emm, naħseb li, b'kumbinazzjoni kbira, smajt ukoll kulma għidna lil xulxin,

ftit ilu, jien u s-sur Pisani, hux hekk?

EMMA : Iva, papà, x'kumbinazzjoni hux li smajt kollox b'kumbinazzjoni!

FONSU : Iva, iva, dawn affarijiet li jiġru, sinjurina.

ĠINO : Kuraġġ, Emma. Minn dan il-patt li se nagħmlu bejnietna jien u l-papà, tiddependi l-feliċità tagħna.

EMMA : Taqtax qalbek. Aħna nirbħu żgur.

GIRGOR : Dan narawh iżjed tard!

ĠINO : Mela għalina.

GIRGOR : Tajjeb... tkellem...

ĠINO : Ġa għidtlek li l-patt li se nagħmlu huwa sigriet. Mela jeħtieġ niffirmaw karta, bejnietna, u għalhekk nitolbok biex... nibqgħu weħidna...

FONSU : Hekk hu, hekk hu, arani sejjer. Niltaqgħu għada Girgor. Niġi nirrakkuntalek xi għawġ ġdid tiegħi. Saħħa, sinjurina, u lilek ukoll sur Pisani. Nixtiqilkom suċċess (*joħroġ min-nofs*).

EMMA : Jien ukoll jeħtieġ inwarrab, mhux hekk?

ĠINO : (*biex ma jurix lil missierha li hi ġa taf b'kollox*) Dan żgur, dan żgur, il-patt huwa assolutament sigriet... għal kulħadd.

EMMA : Mela, saħħa, naraw lil xulxin aktar tard... għada, mhux hekk?

ĠINO : Ma nafx. Jekk il-proġett tiegħi jkun fjask... (*imnikket*) saħħa għal dejjem...

EMMA : Taqtax qalbek Ġino. Kuraġġ (*toħroġ mix-xellug*).

GIRGOR : Mela għalina, sur Pisani.

ĠINO : Agħtini pinna u karta (*Girgor jiftaħ skrivanija żgħira u jagħtih li talbu u fil-waqt li Ġino jkun qed jikteb, Girgor iħares minn fuq spallejh*).

GIRGOR : L-idea tiegħek hija tassew inġenjuża imma... se tkun fjask żgur. Inti iffissat li b'din l-imsiba tiegħek, jew biex insejħulha b'Malti aktar mexxej, din it-trovata jew invenzjoni tiegħek, jien inkun nista' nikxef affarijiet li qatt qabel ma kont nissopponi u qatt ma ħlomt bihom, mhux hekk?

ĠINO : Iva... sewwa sew hekk... int ma għandekx ħlief, malli tara lil xi ħadd li s-soltu jkun midħla tiegħek u jafek b'raġel daħkan u ferħan, tisserja f'daqqa, tagħmel wiċċ ikreh, u tgħidlu b'leħen oħxon u baxx: "Naf

b'kollox". Il-bqija jiġi waħdu.

GIRGOR : U ħallini minnek! Aħjar ma ngħid xejn ukoll!

ĠINO : Kif?!... Ma temminx?

GIRGOR : Anqas xejn.

ĠINO : Tajjeb wisq. Iffirma hawn.

GIRGOR : Mela le. Niffirma bil-pjaċir kollu għax issa jien żgur li dalwaqt neħles minnek (*Jiffirma u warajh jiffirma Ġino*).

## XENA V — Grezzju — Girgor — Gino.

ĠINO : Mela nerġgħu niltaqgħu... (*jidher Grezzju mill-bieb tan-nofs. — Grezzju, huwa l-ġardinar tas-sur Girgor, raġel xwejjaħ, twajjeb u għalkemm baxx jaf iġib ruħu tajjeb*).

GIRGOR : (*Jilmħu*) X'inqala' Grezzju? Għandek bżonn ta' xi ħaġa?

GREZZJU : Ġibtlek dak il-kont ta' Fażolu, sinjur...

ĠINO : (*biex iħallihom weħidhom*) Mela, kif għidna, narġgħu niltaqgħu sur Girgor...

GIRGOR : Iva... saħħa wisq... (*jiġbdu fil-ġenb*) Sur Pisani, trid tieħu l-ewwel daqqa ta' ħarta? Taparsi oħroġ u ibqa' ssamma' x'se ngħidu bejnietna; Grezzju ilu jaħdem miegħi għoxrin sena u nżommu bħala xempju ta' l-onestà. Agħmilli pjaċir oqgħod assisti għall-ewwel fjask... tas-sistema infallibbli tiegħek. Trid?

ĠINO : (*kontra qalbu*) La trid hekk... nikkuntentak (*b'leħen għoli*) Mela saħħa, sur Girgor, narġgħu niltaqgħu xi ftit jiem oħra... Saħħa... Saħħa Grezzju... (*joħroġ, imma jibqa' jidher jissamma' minn wara l-purtiera tal-bieb tan-nofs*).

GIRGOR : Mela konna qegħdin ngħidu...

GREZZJU : Sur Girgor... ġibtlek dak il-kont ta' Fażolu...

GIRGOR : Grazzi ħafna... issa narawh flimkien biex naraw hux kollox sew... Int kif int Grezz? Tajjeb, mhux hekk? Tad-dar kulħadd tajjeb mhux hekk? (*F'daqqa waħda jsir imqit, ibaxxi leħnu, iberraq għajnejh, iħares biċ-ċiera lejn Grezzju*) Naf b'kollox.

GREZZJU : (*jitfantas u jinħasad*) Sinjur!

GIRGOR: Għidtlek naf b'kollox! (*lilu nnifsu, b'daħka*) Kif qtajtu minn saqajh!

GREZZJU: (*imwerwer*) Aħfirli... sinjur! (*jistqarr b'temtim*) ma nargax... ma nargax nagħmilha...

GIRGOR: (*mistagħġeb, jisserja bis-serjetà kollha*) Eh? X'inhu? (*lilu nnifsu*) X'qed jagħtih? X'ma jargax jagħmel? (*lil Grezzju*) Għidtlek naf b'kollox... imma... imma... irrid naf kollox minn fommok stess (*lilu nnifsu*) X'waħda din!

GREZZJU: Taf int... sinjur... ix-xtieli li kont naqla' mill-ġnien tiegħek ma kontx inbiegħhom bil-għali... kemm naqla' xi ħaġa żejda...

GIRGOR: Kħem!... Kħem!...

GREZZJU: ...u dawk li kont inġib lilek... kultant kont naqlagħhom mill-ġonna ta' l-oħrajn... ma kontx nixtrihom...

GIRGOR: (*mistagħġeb dejjem u mgħaddab*) Iva... iva... naf b'kollox... (*lilu nnifsu*) Ħmar li jien!

GREZZJU: Taf ukoll li dak is-sulfat jiswa nofs il-prezz li tlabtek u tajtni?

GIRGOR: (*bla nifs*) Dan żgur li naf...

GREZZJU: .. u li dawk l-erba' qofof għeneb tħallast tagħhom id-doppju li tajt lilek?

ĠINO: (*li ma jiflaħx jisma' iżjed, jidħol fil-kamra, wiċċu se jtir bil-ferħ u jgħid lil Grezzju waqt li jibda jimbuttah 'il barra*) Grezz, biżżejjed għal-lum, għax se tiksirlu qalbu lis-sur Girgor. Ejja għada u kompli stqarrlu kollox. Kollox tafx! Is-sur Girgor qed jistenna lil xi ħadd u ma jistax jitlef żmienu miegħek... (*Grezzju, avvelut, joħroġ*) Tħossok skantat sur Girgor... il-kbir għadu ġej... Is-sistema tiegħi għamel furur... furur kbir... (*Igħannqu bil-ferħ*) Issokta kif bdejt, sur Girgor. Qatt ma kont naf li int artist hekk tajjeb. Biss oqgħod attent li ma tmutx b'xi xokk (*joħroġ jiġri min-nofs*).

## XENA VI — Girgor waħdu; imbagħad Pinu.

GIRGOR: (*kif joħroġ Ġino tagħtih bħal sfiċċa*) Pinu, Pinu... (*wara ftit*) Pinu! Ġej jew m'intix ġej?

PINU: (*mil-lemin, kważi jiġri*) Dan x'tak f'daqqa waħda, sinjur, donnok wieħed imħerwel?

GIRGOR : X'tani? Trid taf x'tani? Hawn ġew qed jiġru ħwejjeġ li ma ġraw qatt qabel. Isimagħni tajjeb. Jiena ħriġt. Fhimt?

PINU : Dan kif ħriġt la għadek hawn?

GIRGOR : Iva... għadni hawn... imma jiġi min jiġi għidlu li ħriġt... fhimt issa?

PINU : Fhimt u ma fhimtx. Imma la int trid hekk, hekk hu u hekk ikun (*jimxi biex joħroġ*).

GIRGOR : (*f daqqa waħda jiġih ħsieb, wiċċu jiħrax, iscjjah lil Pinu b'leħen oħxon u iebes*) Pinu... stenna...

PINU : X'inqala' sinjur?

GIRGOR : (*iħares dritt f'għajnejh*) Pin!... Naf b'kollox!

PINU : (*iħossu ħażin, jisfar daqs il-qarsa tax-xama'*) Aħfirli... sinjur... jaħasra ma narġax.

GIRGOR : Ma tarġax eh? X'ma tarġax?! (*Irid kieku jaqbad xi ħaġa*) Tajjeb, forsi naħfirlek, imma... għidli sew kif... taf int... kif għamilt .. taf int...

PINU : Il-miżerja, sinjur, il-miżerja. Taf int, tara kaxxa sigarretti u ma tobromx wieħed, ftit u xejn diffiċli...

GIRGOR : (*jieħu ftit ir-ruħ*) Eh!... iva... ċan żgur... (*biex ikun jaf iżjed*) U t-tabakk tal-pipa?

PINU : Darbtejn kuljum biss kont nimliha...

GIRGOR : Darbtejn eh? U... u...

PINU : Mela bix-xorb taf ukoll, sinjur?

GIRGOR : (*maħnuq*) Iva... dan żgur... il-whisky eh?

PINU : L-aktar il-konjakk, sinjur... u r-rum ukoll, imma fixxitwa biss, sinjur...

GIRGOR : (*biex aktar jeħodlu minn rasu*) U l-affari l-oħra... l-ieħor?...

PINU : L-ingravati u l-imkatar koliha kienu jkunu ftit u xejn imqattgħin...

GIRGOR : Biżżejjed... biżżejjed Pin.. ma rridx naf iżjed... itlaq minn quddiemi... ġarrejtuni ħaj...

## XENA VII — Kelinu, Girgor u Pinu.

KELINU : (*jidher fil-bieb tan-nofs il-boj tal-grocer li jistaqsi b'leħen werżieqi*) Is-sinjur hawn?

GIRGOR : Xi trid int?... Min int?...

PINU : (*aljenat*) Is-sinjur ħareġ...

GIRGOR : Kif ħriġt? Mela m'intix tarani hawn?

PINU : Int ma għ[i]dtlix biex...

GIRGOR : Int strumblajtni... tliftni minn sessja... int u Grezzju tliftuni mid-dinja...

KELINU : Int hawn jew m'intix hawn, sinjur?

GIRGOR : Iva u le. Għidli xi trid, boj! (*lil Pinu*) U miegħek nagħmel il-kontijiet iżjed tard. Itlaq għalissa u ara tagħmel kif għidtlek (*Pinu joħroġ imbażża' mil-lemin*).

KELINU : Ma għaraftnix, sinjur? Jien naħdem mal-Piccadilly!

GIRGOR : Piccadilly?!

KELINU : Iva, tal-grocer. Is-sinjur tiegħi jrid jaf jekk dak il-bott tal-kunserva sibtux?

GIRGOR : (*jikkalma xi ftit*) X'bott hu, ruħi?

KELINU : Kif, mela Pinu ma qallek xejn bih?

GIRGOR : Le... ma naf b'xejn...

KELINU : Is-sinjur bagħatilkom miegħi sitt bottijiet ġamm u Pinu jippretendi li waslulkom ħamsa biss...

GIRGOR : (*jissospetta ħażin f'Pinu issa li jaf sewwa min hu*) Waslu ħamsa biss eh! Eh! dak Pinu, li kelli nagħmel minditta minnu...

KELINU : Mela la ma taf b'xejn se ngħidlu hekk lill-imgħallem

GIRGOR : Iva... imbagħad naraw... (*Kelinu jkun ħiereġ minnofs — Girgor jiġih ħsieb*) Stenna ftit boj... irrid nagħmel esperiment fuqek...

KELINU : Xi trid tagħmel, sinjur?

GIRGOR : Esperiment. Int għadek innoċenti... int safi... jekk mhux għal kollox... xi ftit int żgur... ħares lejja sewwa...

KELINU : X'qed jagħtik, sinjur?

GIRGOR : Għidtlek ħares lejja sewwa għax minn dak li tweġibni int jiddependi... (*isir imqit, serju, iebes u jħares lejh wiċċ imb wiċċ*) — *lehnu*) Naf b'kollox.

KELINU : (*jaqbad jibki*) Aħfirli, sinjur. Min qallek li l-bott tal-ġamm jien sraqtu?

GIRGOR : (*li qatt ma kien jistenna din l-istqarrija, l-għaraq ixoqq għalih*) Inħoss l-għaraq qed ixoqq għalija. Int ukoll, ibni? U kif sraqtu? X'bott hu?

KELINU : Il-bott tal-ġamm. Wara li tajthom lil Pinu u qegħdhom fuq il-mejda... u għaddejthomlu... malli dawwar wiċċu xħett wieħed f'ħobbi...

GIRGOR : X'kull waħda qed nisma', x'waħdadin!!
KELINU : U ċ-ċikkulata tal-ġimgħa l-oħra...
GIRGOR : (*barra minn sensih*) Biżżejjed... biżżejjed... la tissoktax... mur 'il barra mill-iżjed fis... mur għax se jitlagħli d-demm għal rasi... u taqbadni xi puplesija... (*jimbuttah 'il barra*) Mur... mur u tarġax... rabbi l-għaqal ibni... (*Kelinu joħroġ min-nofs*) ... Waħda akbar mill-oħra! (*isejjaħ*) Emma... Emma... ejja ftit lil hawn...

## XENA VIII — Girgor u Emma

EMMA : (*mix-xellug*) X'inqala' papà? X'inhu dan l-agħjat kollu?!
GIRGOR : (*jitmasħan*) X'inqala' eh? Trid taf x'inqala'?
EMMA : Imma x'qed jagħtik f'daqqa waħda?! Ġewwa għandi l-Gertie miegħi u jekk tarak hekk żgur taħseb li qed tiġġennen...
GIRGOR : Għandek raġun... u jien stess qed nistagħġeb kif għadni ma ġġennintx... x'kull biċċa qed nisma' għodu-għodu... nistħajjilni qiegħed ġo Kordin... imdawwar bil-ħallelin... u minn fuq rasi għaddejja tempesta mill-aqwa. U għax tgħid sa ftit ilu kont nippretendi li jien l-aktar bniedem fortunat u hieni li hawn fid-dinja... Eh! x'dimonju dak Pisani! Jien ma nafx x'fettilli nagħmel miegħu dak il-patt u issa ninsab dahri mal-ħajt u ma nafx kif nista' neħles minnu...
EMMA : Imma x'qed tħawwad, papà? Hallelin, Kordin, tempesti... Ngħidhielek kif inħossha ma nista' nifhem xejn. Imma dak il-patt ara li żżommu tafx... u ma hemmx għalfejn toqgħod titmasħan għal kull ħaġa ta' xejn. Hu l-affarijiet bil-kalma... kif dejjem ħadthom.
GIRGOR : Ħaġa ta' xejn eh! Li kont taf kemm praspar smajt minn dal-għodu 'l hawn, praspar li qatt ma kont noħlom bihom, anqas f'mitt sena...
EMMA : Eq, xi trid tagħmel. Ara, issa ikkalma ftit. Ha nsejjaħ lil Gertie biex taljenak xi ftit... (*issejjaħ*) Gertie, ejja noqgħodu hawn għall-frisk.
GIRGOR : Iva, sejħilha, irrid nipprova fuqha esperiment.
EMMA : Papà, mela ħaqt professur tal-fiżika?
GIRGOR : Le, l-esperimenti li qed nagħmel jien tal-psikoloġija.

EMMA: (*targa' ssejjah mill-bieb tax-xellug*) Gert! Mela ma smajtnix? Ejja noqghodu hawn ghall-frisk u nżommu kumpannija lill-papà.

## XENA IX — Gertie, Girgor u Emma.

GERTIE: (*wara ftit li tidhol*) Iva, ghandek raġun... hawn ahjar.

GIRGOR: Ara, Gert, ejja oqghod hawn hdejja... oqghod fuq din il-pultruna ta' biswiti... iva hemm... hares lejja... u ifhimni sewwa.

GERTIE: (*b'dahka*) Mela bihsiebek timmanjetizzani, sur Girgor?

GIRGOR: (*wara li jkun qaghad fuq pultruna ohra sewwa sew biswitha*) Nimmanjetizzak le imma... (*jisserja*) nixtieq naghmillek stqarrija.

EMMA: Ara, papà, sakemm teżaminaha, se mmur inġibilkom xi haġa friska...

GIRGOR: (*iweġibha minghajr ma jdur ghax mohhu f'Gertie*) Iva, mur. (*Emma tohroġ mil-lemin*) Gert, ghamlet sewwa telqet Emma ghax dak li rrid inghidlek haġa ta' l-akbar serjetà.

GERTIE: (*ftit u xejn inkwetata*) Jaqaw, sur Girgor?

GIRGOR: (*serju ghall-ahhar, iebes, xott-xott*) Naf b'kollox!

GERTIE: (*taqa' mill-ewwel fix-xibka*) Kif? Mela qaltlek kollox, Emma?

GIRGOR: (*mifxul ghax ma kienx jistenna din il-mistoqsija*) Eh! Kif?!... iva... dan żgur... naf b'kollox... Emma qaltli kollox...

GERTIE: Ma hemmx ghalfejn tehodha bi kbira, sur Girgor. Jien kont inkun dejjem maghhom?

GIRGOR: (*bi tqahqiha*) Iva eh?... imma... dana ma jfisserx li... Ghidli kollox.

GERTIE: Ġino qatt ma abbuża u ma nżul ix-xemx huwa nnifsu kien jitlobna biex nitilquh.

GIRGOR: Iva... hekk nahseb... u fejn kontu tiltaqghu? Qaluli li... li... (*biex jaghmel ta' bir-ruhu li jaf fejn kienu jiltaqghu*).

GERTIE: (*tarġa' taqa' fix-xibka*) Minn xi daqqiet fil-ġnien ta' Hastings u drabi ohra l-Barrakka ta' Isfel jew...

GIRGOR: Kull jum, mhux hekk?

GERTIE: Minbarra l-Hadd u l-Ġimgha.

GIRGOR: Hames darbiet fil-ġimgha, biss, hux hekk? Hwejjeġ

tal-għaġeb!

GERTIE: X'għaġeb hu?

GIRGOR: (*Donnu ma jistax jemmen lilu nnifsu*) U jien... imbeċilli... qatt ma ndunajt b'xejn... (*titfaċċa mill-ġdid Emma, b'gabarrè f'idha, u fuqu tliet tazez b'xi rinfreskant*) Brava... brava Emma tiegħi...

GERTIE: (*li kif taraha dieħla tkun qamet u tibda tagħmlilha s-sinjali biex thejjiha għat-tempesta li tkun ġejja fuqha*) X'ridtu dan l-inkomodu, Emm!

GIRGOR: Brava tassew, il-brava binti!

EMMA: Dawn il-bravuri kollha għalfejn, papà, għal ftit "lime-juice" fl-ilma?

GIRGOR: Le.,. mhux għalhekk santa Emma...

EMMA: Mela x'inqala' papà?

GIRGOR: (*bla nifs, jibda bil-qajla u jżid dejjem*) Xejn ruħi... xejn... proprju xejn. Qed naħseb f'dak il-qaddis ta' Ġino meta qalli, kważi ħalifli: "Jien, biex nurik kemm jien raġel u galantom, qatt ma kellimt lil bintek ħlief imdawwar ma' dawn l-erba' ħitan, bis-serqa, u meta int"—"jiġifieri jien"—"kont preżenti". U f'Hastings u fil-Barrakka ta' Isfel u ma nafx fejn aktar, kont inkun hemm jien ukoll... mingħajr anqas ma naf? Mela lili jagħtuni l-ħmar il-lejl u qatt ma għidtuli? Brava tassew binti!

EMMA: (*ma tistax tifhem kif missierha sar jaf b'dan kollu*) U dawn il-ħrejjef kollha min ġie pasparhomlok?

GIRGOR: Ħrejjef eh? Għidilha int, Gert, jekk humiex ħrejjef!

EMMA: (*iddur imgħaddba lejn Gertie*) Mela int kxiftni, Gert? Brava għalik x'ħabiba fik!

GERTIE: (*mifxula għal kollox*) Jien fejn kont naf li ma jaf b'xejn! Qalli li jaf b'kollox... u emmintu.

GIRGOR: U żgur li temminni. Dan is-sistema famuż tas-sur għarus tiegħek... skużi namrat biss għalissa... jikxef il-borom kollha, ta' kulħadd... anki l-borom tiegħek kixef, ruħi Emma, u l-borom ta' Grezzju u ta' Pinu...

EMMA: Grezzju?!... Pinu?!...

GIRGOR: Iva... u tal-boj tal-grocer ukoll. Sistema infallibbli li ma jista' jiċħdu ħadd...

EMMA: Ħadd?

GIRGOR: Le, ħadd u lilek ukoll (*lil Emma*) ngħidlek: "Naf

b'kollox".

EMMA : (*taqa' fin-nassa hija wkoll*) Taf b'kollox? Mela Ġino qallek li lili qalli x'biħsiebu jagħmel?

GIRGOR : Rajtx kif int ukoll waqajt!

EMMA : (*tinduna bl-iżball tagħha*) Ih! x'jiena ħmara!

GERTIE : Għallinqas! Issa ma teħodhiex aktar miegħi li dħalt fin-nassa!

EMMA : Veru, veru...

## XENA X — Pinu, Girgor, Emma u Gertie.

PINU : Sur Girgor, hawn is-sur Fons. Raġa' ġie għax nesa jistaqsik meta se tarġgħu tiltaqgħu għall-Bezique. Għada jew pitgħada?

GIRGOR : (*jiġih ħsieb*) Is-sur Fons? Għidlu jiġi. Nixtieq inkellmu. (*Pinu joħroġ min-nofs*) Emm, Gert, hux ħabib kbir tiegħi s-sur Fons? Donna ħobża u sikkina hux tassew? Id-differenza bejnietna hija li hu kien dejjem inkwiet u jien kont, kont biss, dejjem ferħan u hieni. Issa ħaqq... skużawni, imma nħossni mitluf minn sessija... issa jien ukoll inkwetat u kif ukoll. Issa taraw kif dan il-ħabib tal-qalb, dan l-eżempju ta' fedeltà huwa wkoll ittradieni xi darba. Imma meta, kif, fejn?

EMMA : } U le... u kif... issa iffissajt f'din l-affari...
GERTIE : }

GIRGOR : Ma temmnunix? Issa taraw. (*Fonsu jidħol min-nofs*).

FONSU : Skużawni għax ġejt sewwa sew fil-ħin tal-pranzu imma, Girgor, insejt nistaqsik meta se narġgħu niltaqgħu għall-......?

GIRGOR : (*ikellem lil Fonsu imma għajnejh iżebbġu lejn Emma u Gertie*) Narġgħu niltaqgħu?

FONSU : Iva... għas-solta partita tagħna!

GIRGOR : (*Jisserja u jħaxxen leħnu*) Qatt.

FONSU : Dan x'tak f'daqqa waħda?!

GIRGOR : (*Iħares lejh biċ-ċiera*) Naf b'kollox!

FONSU : (*Iżomm mal-pultruna biex ma jaqax*) Aħfirli, ħabib, it-tort iżda mhux tiegħi.

GIRGOR : (*jinbxu biex jissokta jitkellem u jara biex inhu ġej*) Mhux tiegħek? Mela ta' min?

FONSU : Is-sinjali li għandhom il-karti mhux jien għamilthom.

X'tort għandi jien jekk qdiemu u d-donna piki u l-kavalier danari saru jingħarfu minn wara?

GIRGOR : (*imgħaddab*) Ix-xjafek jeħduk! Mela għalhekk ma nistax neħodlok waħda u nitqalleb kemm nitqalleb dejjem tmaxtarli l-partiti kollha!

FONSU : (*mistagħġeb*) Kif, mela ma kontx taf li...

GIRGOR : Dan żgur li le. Imma sirt naf b'kollox bis-sistema infallibbli ta' dak id-dimonju... issa bdejt niddubita jekk għandix insejjaħlu intelliġentissimu... ta' Ġino Pisani. Kull esperiment li għamilt irnexxa mija fil-mija u issa ninsab dahri mal-ħajt.

FONSU : Ġino Pisani għidt?! Jaqaw dak il-patt li għamiltu bejnietkom?

## XENA XI — Pinu u ta' qabel; imbagħad Ġino.

PINU : (*ċempila u wara ftit jidher Pinu*) Hawn is-sur Ġino Pisani, jixtieq ikellmek, sinjur.

FONSU : Semmi lix-xitan u malajr jiffaċċa...

GIRGOR : (*bir-ragħwa f'ħalqu*) Għidlu li jien ukoll nixtieq inkellmu. Għidlu jgħaddi, igħaddi malajr kemm jista' jkun (*Pinu joħroġ min-nofs*) Halluh għal idejja lil dak l-indannat li tilifli l-paċi u s-sliem.

EMMA : La teħdux bl-aħrax, papà; la tinsiex li hu r-raġel ta' bintek u kulma għamel għax iħobbni.

GIRGOR : Iva... dan żgur... hekk hu...

EMMA : Imbagħad, wara kollox, mhux int aċċettajt l-imħatra u għamilt dak il-patt miegħu? Ma stajtx irbaħt? Minflok tlift u issa jeħtieġ iżżomm kelmtek.

GIRGOR : Iva... għallaqtuni minn għonqi kif ridtu intom...

ĠINO : (*min-nofs bejn rebbieħ u le*) Sur Girgor ġejt biex ingħidlek...

GIRGOR : Tgħidli xejn u ħallini nkellmek jien .

ĠINO : Imma jien...

GIRGOR : Int demonju bla qrun, demonju liebes ta' raġel. Jiena kont l-aktar bniedem hieni, ferħan u kalm ta' Malta. Malli messejt saqajk mal-għatba tal-bieb tiegħi kollox inqaleb ta' taħt fuq.

ĠINO : Imma t-tort mhux tiegħi, jaħasra.

GIRGOR : Mela ta' min? Tiegħi? Jien kont injurant ta' ħafna ħwejjeġ. Kont qed ingħix fid-dlam imma hieni. L-he-

na tiegħi kien imnissel mill-injuranza u issa qed nifhem kemm hu tajjeb tkun ħmar fid-dinja.

ĠINO : L-aktar jekk tkun ħmar b'żewġ riġlejn biss.

GIRGOR : Ara, ħallina miċ-ċajt! Int mhux biss brikkun imma wkoll ħalliel għax b'dal-misħut sistema tiegħek mhux biss sraqtli l-hena u l-kwiet tiegħi imma se teħodli wkoll lil binti. Mhux tassew? Mhux hekk? Veru jew mhux veru? Għid xi ħaġa!... Weġibni! U neħħi minn fuq xofftejk dik it-tbissima ta' tmelliħ li qiegħda taqsamli qalbi. Meta ġejt ftit ilu biex tagħmel miegħi l-imħatra... il-patt... kont qisek tellerita u issa immutajt għal kollox. Arawh, arawh ftit! Donnu Don Bartolo fil-Barbier ta' Sivilja! Tkellem... se tibqa' skantat donnok statwa tal-melħ, ammetti li rvinatni...

ĠINO : Qed inħallik tisfoga, dalwaqt igħaddilek u tarġa' ssir il-bniedem li kont qabel.

GIRGOR : Igħaddili?!... Jien bniedem irvinat għal għomri. (*Idur fuq bintu*) Jien bniedem irvinat, mhux hekk?

EMMA : U le, papà!

GIRGOR : Iva, irvinat!

ĠINO : U le, la teħodhomx hekk l-affarijiet. Anzi jmissek tkun kuntent li dalwaqt issir nannu u meta n-nepputijiet, bil-moħbi tiegħek jagħmlulek xi ħaġa malajr tkun tista' taqbadhom f'għamilhom billi tgħidilhom kelmtejn biss.

GIRGOR : U ħallini minnek int ukoll! Kif nista' naqbadhom b'kelmtejn biss? X'inhuma dawn il-kelmtejn misterjużi?

ILKOLL : (*minbarra Girgor*) Kif, ma tafx?!... (*Isiru serji, iħarrxu leħenhom*) Naf b'kollox!

GIRGOR : Ih! x'jien ħmar. Ġa kont insejt (*jidħak bil-qalb u jieħu b'idejn Ġino*).

S I P A R J U.

## LIT-TABIB ĠUŻÈ GALEA, M.B.E., M.D., D.P.H.,

*Ta'* Vincent Ungaro

*Fil-jum li lilu ngħatat il-Medalja tad-Deheb "Ġużè Muscat Azzopardi"*

Iħobb lil Malta daqs il-kobor tagħha,
Ma ċaħad qatt Lsien misserijietna;
Daħal ma' l-"Għaqda", baqa' jaħdem magħha
U għadu jsus sal-lum għal jeddijietna.
Mal-Gvern tabib ħabriek f'Qasam is-Saħħa.
Hu Rumanzier mill-kbar ta' żmenijietna:
Iħobb liż-żgħir u l-kbir; kelma jismagħha
Minn għand kulħadd. Magħruf ġo gżirijietna.
Illum il-frott fejjied tal-kitba tiegħu
Ituq bil-benna ta' Lsien Art Maltija
U jgħaxxaq lil kulħadd bil-ġmiel u l-ħlewwa.
Qiegħed narak illum titwaħħad miegħu —
(*) Ħabibek, Qormi wkoll — b'qalbek mimlija
Li bħalu rbaħt ukoll l-għadu ta' ġewwa.

14. xi. 49.

---

## IL-GHOLLIQ

*Ta'* A. Buttigieg

*Lil Ġużè Galea li kien miegħi meta doqt il-frott tiegħu għall-ewwel darba, l-Imtaħleb.*

Meta tqassam il-ġid u l-ġmiel tal-ħajja
il-Għolliq messu t-tajjeb u l-ħażin:
għax tawh li jkun selvaġġ u jgħix fix-xagħri,
u friegħi kollha jaqbdu w niggeżin;

'Mma messu weraq ħelu bħal tal-warda
ta' Mejju w boċoċ żgħar u sewdenin
bħal dawk tat-tut u ċ-ċawsri, kollha benna,
u ħafna tfal max-xitel imdendlin.

27. 12. 49.

---

(*) Is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi li għalih il-medalja tad-deheb hija msemmija.

# LILL-KAV. DR. ĠUŻÈ GALEA, M.B.E., M.D., D.P.H.

*Ta'* KARMENU MALLIA

*B'qima fil-jum li lilu ngħatat il-Medalja "Ġużè Muscat Azzopardi"*

Halli jagħdab il-mewġ ma' l-art żonqrija
Li tobżqu lura, 'l isfel ġod-degħbien;
Halli jitħarbat u jiswied is-sema
Bis-sħab tqil u magħqud; ħiegħu l-bibien
Jinfetħu berah u mar-riħ tinstama'
Xita tlebbet fuq żwiemel tan-nirien.

Le, tibża' xejn, Int tibqa' dejjem wieħed
Fost dawk l-ulied Maltija, qalbenin.
Għalik u għalihom Malta xxerred demmha
Sabiex turikom qalbha, O Maħbubin.
Għalikom Malta 'd-dinja kollha ssemma'
L-għanja li tqegħ'dkom ma' nies kbar, għoljin.

Ifraħ, għax Int ukoll mill-wirt li ħalla
Missierek, il-Kbir Malti, Ġużè x-xiħ,
Messek għaliex komplejt issaqqi miegħu
Dak li minnu miżrugħ bla tar mar-riħ.
B'xogħlok twaħħadt mal-moħħ u mar-ruħ tiegħu.

Mel'itla wkoll ma' sħabek dik il-għolja
Sabiħa illi ttemm fi premju kbir.
Hemm fuq il-Musi jistennewk b'kuruna
Li tistħoqq lilek; b'qalbek tfur sa ttir,
Hudha mn'idejn il-Musi li annuna
Jgħannulek l-għanja ta' Rebħ u Tifħir.

# "Vestru"

*Ta'* J. E. BUSUTTIL

BIL-HIDMA u l-bżulija tal-kappillan inġabret is-somma għall-bradella li kellha bżonn il-vara tat-titular tal-knisja tar-raħal billi l-bradella l-qadima ma kienx għad baqgħalha sura u anqas ma kienet tixraq għall-ħiewwa u l-ġmiel ta' l-istatwa u kienet tidher ta' kuntrast bħal meta mara tkun bi lbies ġdid u jlellex u jkoliha żarbun imraqqa', imqatta' u mċewlaħ. Il-kappillan kellu f'moħħu li jagħmel bradella kif jixraq ħalli kull-ħadd, kemm tar-raħal u kemm il-barranin, joħorġu jiftaħru.

Dun Alfons — għax hekk kien jismu l-kappillan — lejla waħda kif kien id-dar qiegħed jifli bir-reqqa kollha ż-żewġ disinnji tal-bradella, wieħed tal-perit u l-ieħor ta' Mastru Ġan Nikol, li kien magħruf bħala wieħed mill-aħjar disinjaturi, dar lejn ommu, li kienet tgħammar miegħu u qallha: "Li kieku kellek tagħżel minn dawn it-tnejn, liema tagħżel?" Ix-xwejħa Sa' Katarin, warrbet il-kalzetta li kienet taħdem, ħadet id-disinnji, għolliet in-nuċċali għal mument minn fuq imneħirha, mesħet għajnejha bit-tarf tal-maktur, reġgħet poġġiet in-nuċċali, u: "Dawn x'inhuma, Fons?" "Dawk, sinjura Katarin, id-disinnji tal-bradella l-ġdida", qabeż pront Lippin, is-sagristan li kien hemm ukoll. Ix-xwejħa bdiet daqqa tħares lejn disinn u daqqa lejn l-ieħor u wara li flietħom sewwa, warrbet dak tal-perit u qalet. "Ikolli nagħżel, nagħżel dan, għalkemm l-ieħor ma fihx xi tmaqdar." "Rajtx, Sur kappillan, kif deherli jien ukoll li dak ta' Mastru Ġann Nikol hu isbaħ". reġa' qabeż Lippin. U billi l-kappillan kien ukoll ta' l-istess fehma, ġie magħżul id-disinn ta' Mastru Ġann Nikol.

Issa l-kappillan bħal qisu ssomma fuq dan l-imbierek disinn, u b'sebgħu l-werrej ta' idu l-leminija rama jħokk taħt widintu l-leminija, għaliex hekk kellu d-drawwa meta kien isib ruħu xi ftit imfixkel u barra minn hekk, kien ukoll ikemmex xi ftit ġbinu. Lippin ma damx ma nduna li l-kappillan ħass ruħu mfixkel u sa dan il-waqt, is-Sa Katarina reġgħet qabdet taħdem il-kalzetta. "X'inqala', sur kappillan?", staqsa Lippin x'ħin ra dik iċ-ċaqliqa mill-kappillan u hawn il-kappillan, dejjem iħokk taħt widnejh, ħamħam u b'għajnejh dejjem fuq id-disinn, qal minn taħt l-ilsien, "Issa l-bużillis, min se jaħdem il-bradella, għax biċċa

xogħol bħal din ħadd ma jista' jidħol għaliha ħlief Vestru''.

Mal-kelma Vestru, is-Sa Katarin qalgħet għajnejha minn fuq il-kalzetta li kienet taħdem u li għal ftit ma waqgħetx minn idejha u tat daqqa ta' għajn lil binha li kien għadu jħokk widnejh u Lippin xkatta qisu bħal wieħed meta jisma' kelma li ttih fastidju, ''Kif, sur kappillan, Vestru?'' ''Vestru u ħadd ħliefu ma jista' jidħol għal biċċa xogħol bħal din'', kompla l-kappillan li issa ma baqax iħokk taħt widintu. ''Mela trid ikollok xi tgħid, sur kappillan?'' qal Lippin, ''U għaliex? Ladarba Vestru hu kapaċi......'', wieġeb Dun Alfons. Is-sagristan qarras wiċċu u minn taħt l-ilsien gerger: ''Vestru, dak li ma jemmen b'xejn, anqas bil-qara' bagħli; dak mhux frammażun għax fir-raħal ma hawnx frammażuni.''

Vestru, barra milli kien mastrudaxxa mill-aħjar, kien ukoll skultur fl-injam mill-gwappi. Ma kienx raġel ħażin ma' għajru, fommu dejjem ħiemed, moħħu biss fix-xogħol li kien imgħoddi bih sewwa u ġie li ħadem fil-Ħdud u l-btajjel mingħajr skruplu ta' xejn. Dan ir-raġel kien għalih waħdu, kien biered fl-affarijiet tar-ruħ u kif kien jingħad, li kien ilu ma jqerr u jidħol il-knisja ma' l-erbgħin sena.

Għalkemm Vestru kien bogħod mill-knisja kien sama' li kellha ssir il-bradella billi minnha kellu sehem ukoll għaliex kemm Lippin u kemm il-kappillan ma kinux jonqsu jgħaddu għandu waqt il-ġbir u billi dan Vestru kien deherlu li darba l-kappillan kien indaħallu sewwa fil-ħajja privata tiegħu u widdbu minħabba l-bruda tiegħu lejn l-affarijiet tar-ruħ, kien ħa għalih...... iżda mill-banda l-oħra Vestru kien jirraġuna: ''U l-bradella xi ħtija għandha?'' U kien joħroġ sehmu bħal ħaddieħor fil-ġbir għaliha.

Kien għad baqa' sewwa sew sitt xhur biex tasal il-festa tar-raħal u għodwa waħda, kienu xi l-għaxra, Vestru telaq ix-xogħol, għalaq il-ħanut u rħielha lejn il-knisja; sab il-bieb imbexxaq u daħal. Għajnejn Vestru mill-ewwel marru fuq il-paviment tar-rħam li kien għadu qatt ma rah għalkemm kien ilu lest bosta snin u kienu qalulu li kien tabilħaqq sabiħ. Dak il-ħin, fil-knisja kien hemm il-kappillan qed igħid xi talb jew jaqra l-uffizzju, mara ta' xi 30 sena u tfajla ta' xi 15 qegħdin ifarfru l-artal maġġur u Lippin qiegħed jiġbor u jgezzez is-siġġijiet f'rokna tal-knisja. Kif daħal Vestru, dawk it-tmien għaj-

nejn marru fuqu. Vestru ipprova jrodd is-salib u għolla siequ x-xellugija. Billi s-salib ma raddux sewwa, il-mara li kienet tfarfar qalet minn taħt l-ilsien: "X'għarukaża, mank jaf irodd is-salib Vestru." It-tfajla bħal donnha skandalizzat ruħha x'ħin semgħet dak il-kliem u "Min hu dan Vestru?" staqsietha mistħija. Il-mara tawlet gedduma, ġibditha għal wara l-artal u x'ħin rat lill-kappillan sejjer lejn Vestru, qaltilha, "Ejja 'l hawn ħalli ngħidlek min hu Vestru...... x'għarukaża". u bdiet tgħidilha fuqu dak li taf u dak li ma tafx u hawn dik it-tfajla li ma kinetx taf min kien Vestru saret taf; saret taf ukoll li kien ilu ma jidħol fi knisja għal kemm-il-sena, li kien bla preċett u mhux żgur ukoll li ma qaltilhiex li kien xi ħalliel — għalkemm qatt ma kien seraq xejn — biss ma qaltilhiex li kien jagħmel karità. U din it-tfajla tregħxet, bdiet trodd is-salib u marret tagħmel l-ilma mbierek fuq ġbinha mill-fonti ta' maġenb il-bieb tas-sagristija.

"X'hemm Vest, x'ġiebek hawn dal-għodu", qal il-kappillan lil Vestru x'ħin mar fuqu bi tbissima ħelwa għaliex qalbu kienet donnha ħebritu b'xi ħaġa. Lippin ħares minn taħt il-għajn lejn Vestru u kien għoddu qaleb it-turrun tas-siġġijiet li kien gezzez fuq xulxin. Vestru bil-mistħija qal lill-kappillan, "Sinjur, smajt li l-bradella l-ġdida se tinħadem barra r-raħal". Il-kappillan xamma d-daqqa u "Ma naħsibx, Vest", wieġbu. Vestru ħemed għal ftit u kompla: "Naħseb li se tkun sabiħa". "Ma jistax jonqos", qallu l-kappillan. "Għaliex se tiġi fuq id-disinn ta' Mastru Gann Nikol". "Mela tabilħaqq sabiħa", wieġbu Vestru. u "Se nħallik. Sinjur. saħħa wisq". Hawn Vestru baxxa rasu u rama ħiereġ. Il-kappillan sejjaħlu. Vestru dar bis-saħħa, reġa' radd is-salib mill-aħjar li sata', rafa' siequ x-xellugija flok tislima u raġa' telaq lejn il-bieb ta' barra. Il-kappillan mar laħqu u. "Isma', kemm int imgħaġġel", u wara li qagħad jaħsibha ftit. qallu. "Kieku jkollok tidħol għaliha int din il-biċċa xogħol. xi tgħid?" u ressqu ħdejn in-niċċa fejn kien hemm il-Madonna tal-Karmnu. it-titular tal-knisja. "Hares, Vest, xi ġmiel ta' statwa, ma jidhirlekx li jixraq li jkollha bradella mill-isbaħ il-Madonna?" Hawn Vestru ħares lejn il-Madonna bil-Bambin u deherlu li ra għajnejhom jiċċaqalqu. Vestru sar aħmar u wiċċu nbidel: ħass bħal għaraq kiesaħ iċarċar miegħu. Il-kappillan intebaħ bil-bidla li saret minnufih f'dan ir-

raġel u qallu: "Xi tgħid, nirranġaw? U Vestru, "Għaliex le. tini d-disinn u naqdik, tibżax"; "Iżda taħt patt", qallu l-kappillan. "Jaqaw, għall-prezz? Għal dak nirranġaw, ma tmurx batut sur kappillan". "Le, mhux fuq il-prezz, iżda......" U hawn, il-kappillan urieh il-kunfissinarju. Vestru fehem x'kien il-patt tal-kappillan. "Iżda, sur kappillan, tinsiex li ili ma nqerr ma nafx kemm". "Iva xi kemm?" "Insejt, Sinjur, naħseb li skorrejthom l-erbgħin sena". "Tibżax, Vest, ejja...... u fejn ma tiftakarx, infakkrek. Ċensa, Tonina, Lippin, isa, ħalluna waħedna u int Lippin int u ħiereġ, agħlaq warajk."

U hawn il-kappillan poġġa fil-kunfissinarju. Qabel ma libes l-istola bies is-salib li jiġi fuq il-għonq, radd is-salib u ġagħal lil Vestru jagħmel bħalu. Vestru beda jqerr u kultant iħares lejn il-Madonna bil-Bambin u kif dejjem kien jidhirlu, kienu jħarsu lejh ukoll u bl-akbar ħlewwa. Il-kappillan beda jfakkru u Vestru bl-indiema kollha għamel qrara tajba...... Dam iqerr... u billi kien daqq nofs in-nhar... "Vestru, issa ejja għal bukkun miegħi", qallu l-kappillan, "u kif inkunu fuq il-mejda nitħadtu xi ħaġa dwar il-bradella".

Wara li l-kappillan kebbes il-pipa ta' fuq l-ikel, "Vest, issa xi tgħidli għall-prezz". "Xejn, sur kappillan, ma rrid xejn ta' jdejja, bona grazzja tiegħek il-flus li jistħoqquli tihom lill-Istitut tal-Fokra"—"Tat-Tfal Iltiema?" Qallu l-Kappillan, "Bona grazzja tiegħek, għax jien sibt ruħi ltim ta' għaxar snin u trabbejt magħhom sa ma bdejt naħdem għal rasi."

Vestru minn dak il-jum li qerr, it-tqarbina ta' kull nhar ta' Ħadd ma kienx jonqosha. Kien imur jisma' kuljum il-quddiesa tal-kappillan. Wara kollox Vestru ma kienx raġel ħażin... Qatt ma kien igħid fuq in-nies.

## MATERNITA'

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

— Għid, tabib, għad baqa'?
Għid, dan x'uġigħ hu? —
Bid-dmugħ f'għajnejha ħarset
Fuq kwadru ta' Ġesù.

Għal waqt stħajlet qed tara
Anġli b'ward imdawrin,
F'nofshom jaqbeż ferrieħi
Tfajjel qisu l-Bambin.

Ir-riħ, barra, qed jokrob
Bħal ruħ li xebgħet tbati,
Taqliba sħiħa fl-arja,
Tregħid u xita tagħti.

Fil-leħħ tal-beraq jidhru
Is-siġar tqal bil-ward
Jiltwew u jniżżlu rashom
Donnhom se' jmissu l-art.

Leħen maħnuq jitniehed,
— Għad baqa', għid, tabib? —
Tagħwiġ, twerżiq u biki,
Għajat, krib u taqlib.

'Mma f'daqqa taqa' s-sikta
U jieqaf it-tnehid......
Fuq sodda mqallba twerżaq
Tarbija tat-twelid.

20. 11. 49.

# Reċensjonijiet u Studji Kritiċi

**IŻ-ŻEWĠ KOTBA TAL-MAKKABIN** maqlubin mill-Grieg u mfissrin minn Dun P.P. Saydon — Empire Press, Malta. 1949. pp. 103.

L-OPRA kbira tal-Prof. Mons. P.P. Saydon — il-qlib tal-kotba mqaddsa għall-Malti — żdiedet biż-żewġ kotba tal-Makkabin miġbura f'volum wieħed, li hu l-ħmistax-il wieħed fost il-volumi tal-Prof. Saydon.

Bħall-kotba ta' Tobija u Ġuditta, iż-żewġ kotba tal-Makkabin mhumiex maqlubin għall-Malti mil-Lhudi, iżda mill-Grieg. U dan għaliex it-test ewlieni Lhudi ta' l-ewwel ktieb intilef, waqt li t-tieni ktieb inkiteb mill-ewwel bil-Grieg.

Fid-daħla għaż-żewġ kotba, il-Prof. Saydon jagħti tagħrif ta' siwi kbir għal min irid jifhem tajjeb il-ġrajjiet imdamma fiż-żewġ kotba. U qabel xejn, il-Prof. Saydon ifisser il-għala l-kotba jissejħu tal-Makkabin, u jurі li mhumiex ktieb wieħed, iżda tnejn, miktubin minn tnejn min-nies.

Tabilħaqq id-daħla tal-Prof. Saydon għaż-żewġ kotba tal-Makkabin maqlubin minnu għall-Malti għandha titqies bħala trattat xjentifiku u modern ta' l-hekk imsejħa introduzzjoni speċjali fil-kotba mqaddsa.

U dan it-trattat xjentifiku ta' introduzzjoni speċjali għaż-żewġ kotba tal-Makkabin il-Prof. Saydon jissoktah fin-noti f'qiegħ il-paġni. Hekk, wara li fid-daħla għaż-żewġ kotba huwa għarraf li min kiteb it-tieni ktieb tal-Makkabin ma riedx jagħmel ħaġ'oħra ħlief iqassar il-ħames kotba ta' Jason; fl-ewwel nota tat-tieni ktieb igħarraf li hemm xi ineżattezzi storiċi li ma jwaqqgħux l-ispirazzjoni biblika għaliex il-kittieb ispirat ma ħax fuq spallejh il-verità ta' l-informazzjonijiet li tabilħaqq ma jaqblux mal-fatti msemmija fil-kotba nfushom tal-Makkabin. Dak li jingħad fil-vrus 13-16 ta' l-ewwel kap tat-tieni ktieb huwa xniegħa li nxterdet fost il-Lhud, u l-awtur imqaddes isemmi l-verità tax-xniegħa mxerrda bla ma b'daqshekk ifisser li x-xniegħa kienet minnha.

It-traduzzjoni nfisha tal-kotba tal-Makkabin u s-sura letterarja jidhirli li huma tassew ta' min ifaħħarhom. Fil-"Militia Christi" tat-23 ta' Ottubru 1938 u tat-12 ta' Novembru 1939, għidt li wieħed ma jistax ma jistagħġibx bix-xogħol tassew sabiħ u ta' reqqa li qiegħed jagħmel il-Prof. Saydon. U għidt ukoll li l-Prof. Saydon qiegħed isebbaħ lill-letteratura Maltija b'mafkar dejjiemi. Dan il-kliem inħoss li għandi ntennieh għaż-żewġ kotba tal-Makkabin maqlubin għall-Malti minn l-istess Professur, u li bihom huwa għalaq is-sensiela tal-kotba tal-għaqda l-qadima msejħin storiċi.

Nixtieq nagħlaq din ir-reċensjoni b'osservazzjoni lill-istampaturi. Jidhirli li l-istampa mhix mill-aħjar. Hemm qabża kbira bejn l-istampa sabiħa u nadifa tal-ktieb ta' Tobija u l-istampa taż-żewġ kotba tal-Makkabin. Uħud mill-paġni, bħall-pp. 56-59 iweġġgħu l-aħjar għajnejn.

P. P. GALEA, O.P.

**ĠUŻE' CHETCUTI—Il-Poeta tal-Familja.** — Studju Kritiku meħud minn "Leħen il-Malti", Settembru, 1949, maħruġ mill-Għaqda tal-Malti (Università). — Prof. Ġuże' Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.).

DAN huwa studju kritiku tal-Poeżiji ta' Ġużè Chetcuti magħmul mill-Professur G. Aquilina li mindu dan kien student sal-lum issieħeb ma' l-Awtur fil-ħidma għall-Malti, u għalhekk, ma jistax jonqos li dan l-istudju ma jkunx magħmul b'dik il-ħeġġa, b'dik is-sinċerità u reqqa, u fuq kollox b'dak id-dehen u ħaqq minn bniedem aħjar, u, fuq kollox, minn dak il-bniedem li l-lum, tista' tgħid, għadda mill-għarbiel tiegħu x-xogħlijiet ta' l-aqwa poeti li tat s'issa l-letteratura Maltija minn 30 sena 'l hawn.

Il-Prof. Aquilina f'dan l-istudju jqis lil Chetcuti bħala wieħed fost l-aqwa poeti żgħażagħ ewlenin li nibtu mal-moviment Malti letterarju tal-lum u jagħżlu minn oħrajn sħabu bħala Poeta tal-Familja — l-iktar karatteristika li fih tirkaċċa fuq oħrajn li għannew fuq id-dar bil-hena, il-ferħ u t-taqtigħ ta' qalb tagħha u xi minn daqqiet imrar ukoll. Barra dan, Chetcuti tana wkoll vrejjes sbieħ sentimentali li jpinġu kwadri ta' episodji tal-gwerra kif dlonk tiltaqa' magħhom inti u taqra l-"Melita Invicta" tiegħu, fejn il-Poeta ħass li wara t-tbatijiet li ġarrbet Malta, l-iċken imma l-aqwa fost il-ġellieda, għandha l-lum tarfa' rasha minn qalb il-ħerba ta' djarha li għadhom jixhdu sal-lum is-sider imċarrat tagħha, iżda qawwi, mid-daqqiet kiefra tal-għadu.

Il-Prof. Aquilina fl-aħħarnett jiddeskrivi lil Chetcuti bħala Poeta ta' swied il-qalb, iżda mhux pessimist, li b'inkejja tat-tweghir ta' dinja ġellieda u għajjura, bit-tama ta' żmien aħjar, isib il-faraġ u l-qawwa ta' l-ispirazzjonijiet tiegħu poetiċi fil-Paċi tal-familja. Xi versi miktubin minnu dan l-aħħar, fosthom l-"Ave Maria" mnebbħin mil-Lejl Qaddis tal-Kungress Marjan jagħżluh ukoll fost il-poeti Maltin reliġjużi.

Għal dak li hu studju psikoloġiku u tekniku tal-versi ta' Chetcuti, ir-reċensjonista jibda biex iħares lejn il-Poeta u jiflih, f'dik li hi ispirazzjoni li bħala nisel għandha mill-klassiċismu u mill-idejiet nazzjonali tal-Poeta Dun Karm, li mill-banda l-oħra, skond l-opinjoni tagħna, rada' f'xi versi mill-Musa tal-Monti u tal-Manzoni. F'xi versi ta' Chetcuti r-reċensjonista jxomm xi xebh ta' l-idejiet ta' Rudyard Kipling, b'xi pinżellata ta' Cuschieri u ta' Ġorġ Pisani li mexa ftit qablu fit-telgħa ta' l-Elicona Maltija.

Dawn l-assimilazzjonijiet insibuhom saħansitra fl-aqwa ġenji ta' l-Arti. Puccini jidher li kultant ma kienx iħobb joħroġ xi nota mingħajr in-nebħa tal-mużika ta' Meyerbeer li kien dejjem iżomm fuq l-iskrivanija tiegħu, fil-waqt li Carducci u D'Annunzio ma kinux jafu ma jħalltux il-ħsebijiet poetiċi tagħhom ma' dawk ta' Shelly. Il-ġenju poetiku ma jitwelidx minnu nnifsu, iżda jitnissel mnn missier u omm u dan il-ġenju maż-żmien għandek fil-fattizzi tiegħu dlonk issiblu xi lemħa ma' dawk tal-missier u l-omm u naħseb li Chetcuti, bħala poeta ta' ċertu grad letterarju ma għandux jingħadd ma' dawk il-qabbiela li tgħallmu l-vers Malti fuq il-għanjiet tal-kitarra, jiġifieri ma' dawk il-poeti tal-widna li ma semgħux u ma qrawx ħlief il-kantilena ta' versi settenarji tal-qab-

biela Maltin, iżda li trawmu fuq l-iskola poetika ta' poeti klassiċi jew romantiċi, bħal saħansitra Dun Karm, u oħrajn xjuħ, u xi żgħażagħ ukoll li redgħu mil-letteratura barranija, sew Ingliża kemm Taljana, li wara kollox hija l-għodda meħtieġa fis-sengħa poetika ta' min irid jikteb tajjeb. L-influwenza ta' l-ispirazzjoni hija xi mindaqqiet hekk qawwija li l-ħsieb bir-ritmu ta' l-awtur li jispirak jitwaħħad man-natura psikoloġika tal-versi li tikteb bla ma tkun trid — kif josserva tajjeb u fin l-istess reċensjonista. In-nota li tagħżel lil Chetcuti—kif sewwa jgħid il-Prof. G. Aquilina — hija dik ta' Poeta tal-Familja li fiha Chetcuti, fost l-oħrajn poeti sħabu, huwa l-iktar sentimentali u qawwi.

Għal dawk li huma kwalitajiet oħra — skond il-fehma tar-reċensjonista tiegħu, — jiġifieri għal dik li hi teknika, Chetcuti jingħażel f'dik li hija armonija u mużikalità ta' versi; din il-karatteristika tgħaqqad fiha nnifisha is-sempliċità mexxejja u ħelwa tal-vers — b'inkejja tal-frażi Maltija li għadha ma qagħditx għat-tibrid tal-lima ta' l-arti — filvarjetà ritmika ta' kull poeżija tiegħu, li xi mindaqqiet tgħatti bissengħa teknika, saħansitra s-superfiċjalità tal-ħsieb.

Chetcuti fil-prosodija tiegħu jidher, skond il-fehma tar-reċensjonista, li mexa fuq id-drawwa tal-poeti tradizzjonali u għalkemm ġie li kiteb b'versi ta' metru mħallat qatt ma tista' tgħid li hu modernist. Fuq hekk kif naħsbu aħna, huwa jitbiegħed xi ftit mix-xejra karatteristika ta' xi poeti żgħażagħ sħabu, bħalma huma Karmenu Vassallo, Anton Buttigieg, Marċell Mizzi, Ġorġ Zammit u Wallace Gulia, biex ma ngħidux ukoll mill-ixjeħ fost il-poeti moderni tagħna Rużar Briffa.

Fil-versi ta' Chetcuti nsibu wara kollox ħaġa tajba ħafna li hi ta' ġieħ għall-kitba Maltija: ir-reqqa fil-kostruzzjoni sintattika, fil-għażla tal-kliem u reqqa grammatikali fil-kitba tal-kliem — neħħi xi pedanterija ċkejkna — ħaġa li tgħin mhux ftit lill-istudenti fl-istudju tal-Lsien Malti.

a.c.

**FANALI BIL-LEJL** ta' Anton Buttigieg. — It-Tieni Damma ta' Poeżiji. — Malta, Empire Press. 1949. pp. 112.

DIN hi t-tieni ġabra tal-Poeżiji ta' ANTON BUTTIGIEG li ħareġ dissena u li jagħqdu ma' dawk li kien ħareġ fl-Ewwel Damma ta' Poeżiji taħt l-isem ta' *Fil-Gallerija ta' Żgħożiti*.

Fuq l-ewwel ġabra ta' poeżiji aħna konna tkellimna fil-"Youth" ta' Awissu ta' l-1947. Bejn il-poeżiji ta' l-Ewwel u tat-Tieni Damma ma hemmx baħar x'jaqsam u la fil-forma, la fir-ritmu u la fl-istil u lanqas fil-ħsieb. F'din ta' l-aħħar insibu, tista' tgħid, l-istess motiv u *nota dominanti* tal-Għanja tan-Natura—bil-vokabolarju, bis-sempliċità, bil-frażijiet, bit-tixbih ta' ħaġa materjali ma' oħra ħajja, b'dak il-ħsieb safi iżda profond u qawwi kif sibna fl-ewwel Ġabra tal-Poeżiji tiegħu sentejn ilu.

Il-Poeta xejn ma tbiddel, mhux forsi bħal ħaddieħor, minn żmien għal ieħor, minn suġġett għal ieħor; il-ħsieb tiegħu dejjem jitmieraħ bħal qabel fost is-siġar, il-pjanti, il-ward, l-għasafar ta' l-istaġuni u minnhom inissel fl-immaiġnativa għalliela tiegħu bl-isbaħ ilwien ta' qawsalla, xebh li fih jiġbor u jagħlaq il-ħsieb poetiku tiegħu.

Tiftaħ ktieb tal-poeżiji ta' Buttigieg tistħajlek qed taqra ktieb ta' l-Istorja Naturali ta' Malta, miktuba b'fantasija u ritmu poetiku u ngħidu wkoll b'xeħta simbolika; iżda għalkemm is-sens kritiku għall-ewwel ma jistax jara fih ħlief arti ta' prosodija Maltija, naraw li fl-aħħarnett dan il-kriterju ma jistax ikollu l-valur tiegħu bla ma jkun fih apprezzament tal-fond simboliku u morali ta' l-elementi tal-ħajja veġetali u annimali fil-kwadri ta' l-immaġinazzjoni tal-Poeta.

In-nota li l-iktar tikkaratterizza r-ruħ tal-poeżiji ta' Buttigieg hija l-ġibda lejn il-pjanti. F'dan Buttigieg mhux waħdu fil-letteratura qadima u moderna. Il-pjanti nebbħu l-ġenju ta' kemm-il poeta fosthom Victor Hugo, Lamartine, Pope, Parnell, Mascheroni, Aleardi, Prati, Zanella, eċċ. Lil Rosseau kienu jaqbżulu d-dmugħ meta kien jara x-xitla tad-Dliel tal-Maddalena.

It-Tieni Damma tal-Poeżiji ta' Buttigieg, bħal ta' l-ewwel, hija mqassma f'erba' bċejjeċ jew kotba. Fiha l-Poeta jgħaqqad il-poeżiji kollha li kiteb mill-25 ta' April ta' l-1944 sas-16 ta' Diċembru ta' l-1948, jiġifieri ma' tul iż-żwieġ tiegħu, sal-jum tal-mewt ta' martu u għalhekk, bil-ħaqq kollu, huwa offra dan it-tieni xogħol bħala tifkira tas-sieħba tiegħu.

Għalkemm l-ewwel damma ta' versi ma kellhiex dik il-laqgħa li stenna, huwa ma qatax qalbu—u għamel sewwa—għax għalkemm ċerta poeżija għandha l-valur tagħha intrinsiku, il-qarrej tagħna jdum ftit u xejn ma jgħożżha, għax ftit huma l-qarrejja ta' poeżiji li jafu jgħożżu skond il-meritu tekniku, iżda iktarx skond kif tmexxihom il-widna.

L-Ewwel Ktieb jiftaħ bil-Għanjiet tan-Natura, li huma l-għanjiet l-iżjed qrib lejn qalb il-Poeta.

Fix-*Xewqa ta' Għanjieti*, poeżija li biha l-Poeta jagħlaq id-Dħul tad-Damma qabel ma jiftaħ l-Ewwel Ktieb, huwa jagħtina xi ħjiel tax-Xewqa li l-Għanjiet tiegħu jkollhom "il-benna tal-għenba, il-fwieħa tar-ranċis u s-sbuħija tal-għanja tal-bilbla". U dana jurina mill-ewwel u fuq kollox biżżejjed kemm ir-ruh u l-qalb tal-poeta huma msenslin ma' dak li trodd in-Natura.

Bħal fl-ewwel ġabra ta' versi hawnhekk ukoll il-ħsieb tal-Poeta bħal farfett li jmur minn warda għal oħra, jiġġerra fuq diversi soġġetti, soġġetti astratti li fihom jirkaċċa dejjem id-diwi karatteristiku, il-*motiv dominanti* tal-għanja li tpinġi n-natura f'xi staġun tagħha, f'dak kollu li jolqot il-għajn u jmiss qalb il-Poeta, bl-impressjonijiet metaforiċi u simboliċi li jħallulu fil-moħħ. Fost l-isbaħ episodji li hemm f'din it-taqsima, insemmu l-*Għodwa tar-Rebbiegħa* li tagħlaq b'dawn il-versi: "L-għasafar fil-għanja qaluli: "Rebbiegħa / għad għandha mitt barka ġo ħobbha u fil-but; / xejn tibża'! kull qatra li niżlet mis-sema / trid tagħmel nibbieta, jew fjur jew għanqud!"; il-*Qabar tar-Rebbiegħa* li tagħlaq b'dawn il-versi: "Mejta r-Rebbiegħa ħdejn il-mewġ tistenna / li jidħol Marzu fuq il-ġwienaħ koħol / tal-qtajja' tal-ħuttaf u ddoqq it-tromba / ta' ħajja ġdida"; il-*Għanja tax-Xitwa*, li fiha laqtuna dawn il-versi metaforiċi: "Bil-lejl inti mal-għabja mqabbda / ittella' l-ilma bnin mis-sebat ibħra / għal ġewwa l-għajn tas-sħab, u mbagħad tiftaħlu / għal fuq l-uċuħ", u l-qgħluq tagħha b'dawn il-versi l-oħra: "Is-sliem għalik, ja Xitwa, inti

ħuttaba / li ġġib iż-żwieġ għammiel bejn l-art u l-ilma / sew kif is-Sajf huwa l-ħuttab tal-għaqda / bejn l-art u x-xemx"; *Xita tad-Deheb* li fiha dawn il-versi jtakkruna fil-qawl: *F'Mejju, aħsad, imqar kien plejju*": "U meta ssir tad-deheb sa l-aħħar sbula, / u l-peprin jgħeja jiżfen f'tarf il-ħbula / jasal il-minġel mgħawweġ tal-ħassad / li jħalli flok is-sbul tafli u bajjad", għanja li tagħlaq tajjeb ukoll b'dawn il-versi dwar l-imniezel tal-ħasda tal-qmuħ u tax-xgħir: "Ta qatgħa ta' ħamiem li għad jittajjar / ġo kull munzell hemm ġwienaħ bajdanin / ta' petirrossi dbabar ħamranin," eċċ., hemm fi ftit kliem il-barka tas-smewwiet, il-ħajja ġdida mnibbta kull rebbiegħa / fuq il-fdal ta' l-imwiet ta' l-art fil-qiegħa".

Mill-pjanti u l-fjuri, mill-banda l-oħra, moħħ il-Poeta silet ħlewwa u qawwa ta' idejiet li nsibuhom 'l hawn u 'l hinn ileqqu bħal ġawhar f'din it-Taqsima. Fost dawn ta' min isemmi l-idejiet li hemm fil-poeżija *Ħafna Lbiesi*, li fiha hemm imsemmijin l-iktar pjanti li bihom iħobb jiżżejjen *b'ħafna lbiesi* l-ħajt tal-ġnejna; *Il-Għanja lir-Rummiena* li fiha naqraw din l-istrofa: "Hemm ġewwa r-rokna ta' ġol-ġnien imwarrba / ġwejda u ħadrana tfiġġ, Rummiena tagħna / qisek ġo gondla ta' Venezja mdawla / fl-ilma titbandal; *Id-Dielja* li tagħlaq sabiħ f'dawn il-versi metaforiċi: "U meta jidħol Marzu u dawk l-egħkiesi / kollha jinfetħu d-Dielja tħoss il-ferħa / tal-ħlas, kif tħoss kull omm, hekk kif jitwieldu / l-egħnieqed ċkejkna; fl-*Iris Kaħla* li tagħlaq ukoll sabiħ b'dawn il-versi: "Il-baħar taha n-nir ta' fuq ħaddejha / u fuq kulħadd ix-xemx ħażżet xemx żgħira / tielgħa bi trieq tad-deheb tisreġ quddiemha / sa ġewwa x-xefaq; f'*Lellux*, fiċ-*Ċentifolju*, poeżija l-iktar milquta fix-xebh tagħha li tagħlaq b'dawn iż-żewġ strofi: "Iżda fix-xtieli mxabbta / taċ-ċentifolji kbar / Omnna n-Natura ddendel / qalbha ħuġġieġa nar"; "Mimlija kollha fwieħa / u benna ta' bla ħjiel / Ah! l-ebda ward ma jagħleb / taċ-ċentifolji l-ġmiel"; f'*Il-Ġebla tal-Ġeneral* li għandha din l-istrofa ta' l-aħħar fejn ix-xebh tal-ħajja tal-Ġebla tal-Ġeneral mal-lampier mixgħul ġo qiegħ il-baħar taħt San Dimitri tal-leġġenda jagħlaq b'immaġinattiva ta' l-akbar sengħa: "Għaddew eluf ta' snin u oħrajn għad jgħaddu / u l-ħajja fija tibqa' tgħix u tixgħel / sew bħal-lampier mixgħul ġo qiegħ il-baħar / taħt San Dimitri."

Elementi oħra pinġuti f'din it-Taqsima li ttemm il-kullana tal-kwadri naturali poetiċi huma dawn: karatteri fiżiċi tan-natura u ħlejjaq ta' l-ajru. Minn dawn nagħżlu *Żewġt irħula* li kull wieħed b'daqqa ta' pinzell il-Poeta jagħtihulek quddiem għajnejk b'dawn iż-żewġ strofi ta' l-aħħar, ta' l-ewwel b'din li ġejja: "Wieħed jixxabbat ma' muntanja kbira / bid-djar iperreċu rashom minn ġos-siġar / bħal qabda flieles bojod minn ġol-ġwienaħ / ta' qroqqa ħadra"; tat-tieni b'din l-oħra: "L-ieħor imxerred fuq il-blat tal-plajja / sat-tarf nett nett, mit-twieqi u l-gallerija / jara xbiehtu tiddi ġewwa l-baħar / iżraq u perla." *Ħajr lix-Xmara* li tagħlaq b'din l-istrofa: "Il-weraq jinżel fuq il-fewġa jperper / qajl qajl u ħelu ħelu, u x-xmara tiġbru / titfgħu fuq rasha qisu xi kuruna / u tibqa' miexja; *Il-Kokka li* hi waħda mill-isbaħ poeżiji ta' din it-Taqsima u li hi magħmula b'sengħa ta' poeta u pittur u li jixraq nagħtuha kollha: —

Meta s-smewwiet u l-art isiru dalma
Waħda taż-żift, u taħt is-siġra sewda
tal-lejl il-kwiekeb u l-imsiebaħ jaqgħu
gozz gozz mitfija.

Meta l-qtates jehdew min-namur tagħhom
għax ma jarawx, u ġewwa r-raħal kollu
ma tismax ħoss, lanqas inbiħa waħda
ta' kelb għassies,

Minn ġewwa l-bejta f'nofs is-sur imkebbeb
bil-liedna dawra mejt toħroġ titperreċ,
ja Kokka sewda, b'par għajnejn iżebbġu
madwar munqarek

Int tara kollox, tara r-raħal kollu,
sal-bejta tal-ħamiem ġewwa l-kampnari
u tgħodd id-djar u t-toroq waħda waħda
bl-imnadar magħhom;

U biex iżżomm il-lejl bin-nifs tal-ħajja
u ma tħallihx imut, int twerżaq twerżaq,
sakemm bir-raxx ta' l-ewwel dawl jistejqer
u jitlaq jiġri.

Ma' dawn nistgħu ngħoddu wkoll il-*Baqra*, poeżija ħelwa u sintetika fil-ħsieb; *Damma Għajnejn* li fiha tgħaqqad kwadru l-iżjed ħelu ta' sitt ħlejjaq: nies, annimali u pjanti b'għajnejn iżebbġu u jħarsu lejn xulxin; dak u l-ieħor igħidu l-ħrejjef *tas-saħħara meta s-siġar u l-ħaxix kellhom il-kliem... f'dik il-ħlewwa u f'dak is-skiet* bla ma taf *liema hija l-ħolma jew is-sewwa bejn il-ħrejjef tas-saħħara* u dawk is-sitt pari għajnejn *taħt il-bruka fuq ir-ramel ħdejn ix-xmara*; u "*Il-Milja tal-Qamar* li fiha nduqu l-ħlewwa ta' din l-istrofa: "Jien naf ohra bħalek / ja Qamar kollok ġmiel / u bħalek din mimlija / bi ħlewwa ta bla ħjiel. / Tissejjaħ ir-Rebbiegħa / li timla s-sema u l-art; bid-dawl, bis-sebħ, bil-hena / bl-ilwien, biż-żahar, bil-ward".

Għalkemm Buttigieg huwa l-Poeta tan-Natura, fit-Tieni Ktieb bl-isem ta' "Il-Għanja ta' Hajti" jidher li f'qalbu t-tiġrib tal-ħajja qanqallu sentimenti li ġagħluh ukoll qalb l-immaġinattiva ta' xtieli u ward joħroġ mill-pinna tiegħu versi sentimentali ta' tifkiriet ta' hena u ta' swied il-qalb li nsibu fil-poeżija *Fuq Qabar Oħti*, li fiha naqraw dawn iż-żewġ strofi fil-bidu u fl-aħħar: "Kull sena fir-rebbiegħa nasal s'Għawdex / u niġi nżur il-qabar ċkejken tiegħek / wis-sardinella li ħawwilt bil-għożża / fuqu żmien ilu......" "Inħares lejn ix-xitla u lejn il-qabar / u f'dak is-skiet inġib quddiem għajnejja / iż-żmien ta' meta konna tfal f'dar ommna / hemm ġewwa l-Qala. / U waqt li nħares fuq ta' qalbi x-xitla / tat-tifkiriet tinbet tifkira ġdida / b'warda ta' swied il-qalb fejn tilma demgħa / minn ħbub għajnejja"; kif ukoll versi metaforiċi u qawwija bħal dawn fil-poeżija *Ir-Riħ u l-Hemm*: "Onfoħ, onfoħ, ja riħ, tiegħek l-infiħa / għanja ta' ninni ninni ħdejn in-nieqa / tal-ħajja l-ġdida flok il-ħajja x-xiħa."

Iżda l-isbaħ fost is-sbieħ hija f'dan il-ktieb il-poeżija *Il-Gerħa tal-*

*Firda* li tfakkar f'moħħ u f'qalb il-poeta l-mewt tas-sieħba tiegħu li ntemmet ħesrem u ħallietu bi tlitt itfal jibkiha.

Fit-Tielet u r-Raba' Ktieb, wieħed imsemmi *Taqbiliet Miġnuna* u l-ieħor *Poeżiji Oħra*, insibu versi li fis-sentimenti u fit-teknika jisbqu lil ta' qabel, ukoll lil dawk li għalhom il-ġenju poetiku ta' Buttigieg hu magħruf bħala l-aqwa fost il-poeti żgħażagħ Maltin. Fost dawn insemmu *Gol-Hondoq*, *Tliet Aħwa* li fiha dawn l-aħħar żewġ strofi jiġbru fihom l-isbaħ u l-ogħla eżempju ta' espressjoni figurativa: " 'Mma l-alka baqgħet miexja u qalbenija / għodsot sal-qiegħ, u tefgħet hemm egħruqha / tgħatti l-bejtiet taċ-ċeren u s-sirrani / ma' ġenb ir-rizzi; / Biss, meta tmut u ssir farkiet sewdiena / il-baħar ireġġagħha fuq ix-xtajta / bħal ġewwa ċimiterju u l-mewġ igħannilha / is-salm tas-serħ"; *Daħka ta' Frar*, *Il-Mewt tas-Sħaba*, *Lejl bla Rqad*, li tagħlaq b'dawn il-versi: "Il-lampa f'nofs it-triq biż-żiffa magħha / tilgħab bid-dellijiet donnha b'inkejja / waqt illi jiena nħares biex infittex / in-ngħas mitluf"; *Sant'Antnin*, poeżija li għalkemm ta' erba' versi biss tfisser daqs poeiżja ta' erba' strofi; *Ix-Xemgħa* li tagħlaq b'dan ix-xebh sabiħ: "U bħalek, ja xemgħa / min jaf kemm infnew / għorrief biex idawlu / u bħalek intsew!"

F'*Dal-Waqt Jisbaħ* għandna rabta tal-bidu u tat-tmiem u l-antitesi tat-titlu ta' din it-Tieni Damma *Fanali bil-Lejl*; tal-għanja *Il-Kebbies tal-Fanali* li naqraw fi *Dħul il-Ktieb* mal-għanja *Dal-Waqt Jisbaħ* f'Għeluq din id-Damma ta' Poeżiji; u hawn insibu f'din ir-rabta ta' idejiet il-qofol u t-tifsira tat-titlu ta' din it-Tieni Gabra ta' Versi tal-poeta Buttigieg; titlu li, għalkemm ma jidherx suġġestiv, għandu t-tifsira tiegħu għal min jilmaħ id-dawl taħt il-ħajbur tas-sema poetiku f'moħħ il-Poeta.

Waqt il-marda u l-mewt ta' martu, il-ħajja tal-Poeta kienet bħal lejl mudlam li fih kienu kultant jiddu bħal fanali l-ħsibijiet poetiċi tiegħu — li huma l-poeżiji li ġabar f'din it-Tieni Damma.

Il-metrika fil-ġabra ta' dawn il-poeżiji ma tantx tvarja; il-metru li bih il-Poeta jibni l-versi tiegħu huwa ta' l-*ode saffica barbara*; il-poeżiji tiegħu nsibuhom ukoll mibnijin fuq kwartini ta' senarji mqabbla mżewġin; fuq stanzi ta' kwartini b'settenarji jew ottonarji mqabbla; oħrajn b'versi ta' ritmu mħallat; u f'xi leġġenda versi tat-tnax maħlula.

Bħalma sibna fl-ewwel Damma ta' Poeżiji: *Mill-Gallerija ta' Żgħożiti*, il-vers mexxej u ħaj tal-Poeta huwa 'l hawn u 'l hinn imdennes b'xi frażijiet jew kelmiet prożajċi. Xi kliem hu msawwar b'forom ġodda li ma jimxux mar-reguli grammatikali u mal-frażi tal-kliem mitkellem. Dnub li f'din l-edizzjoni wkoll qabżu, naħseb, fl-istampa, xi għeltijiet ortografiċi li xtaqna ma jidhrux f'edizzjoni oħra ta' din il-Gabra jew f'xi ġabra oħra ta' poeżiji li l-Awtur biħsiebu joħroġ.

Mill-bqija din il-Gabra ta' Versi għandha żżid u żżejjen il-librerija ta' xogħlijiet poetiċi mill-isbaħ li l-lum tista' tiftaħar bihom il-Letteratura Maltija.

a. c.

# WERREJ GHAS-SENA 1949


**Abela, Ġużi** faċċ.

*Girja* ... 60

**Azzopardi, Ċer.**

Huma Kollox ... 84

**Busuttil, Kapt. J.E.**

"Vestru" ... 117

**Buttiġieġ, A., B.A., LL.D.,**

*Il-Għanja taċ-Ċaqliq* ... 11

*Quddiem Għalqa tal-Bittieħ* ... 85

*Il-Għolliq* ... 115

**Camilleri, Dun Frans**

*Għaddi malajr, Ġesù!* ... 42

**Caruana, Vincent**

*Tfajjel Sajjied* ... 83

**Cassar Pullicino, Ġ.**

Dun Gwann Cachia ... 6-51

Bluha ta' Mument ... 86

**Cassola, Albert M.**

Pape Satan Aleppe ... 26-57-90

**Chetcuti, Ġużè**

*Ave Maria* ... 50

*Il-Poeżija Tiegħi* ... 77

*Maternità* ... 121

**Cremona, A.**

*Kelb Xiħ tal-Għassa* ... 13

*Montecatini* ... 85

Frak ... 94-114

**Editur,**

Il-Għaqda ... 3

"Sherry Party" lill-President ... 31

Mexjin 'il Quddiem ... 37

Kronaka ... 60

L-Istampa f'Malta ... 69

Reviżjoni tal-Liġi ta' l-Istampa ... 71

Il-Premju "Ġużè Muscat-Azzopardi" ... 72

Iċ-Ċerimonja tal-Presentazzjoni tal-Medalja "Ġużè Muscat-Azzopardi" ... 99

**Farrugia Bonnici, Lino, Ph. C.**

*Ilkoll għal hemm* ... 43

**Gatt, Ġużè**

L-Istampa f'Malta ... 78

**Gulia, W., B.Sc., Ph.C., D.P.A. (Lond.), B.A.**

*Qniepen Idoqqu* ... 73

*O Tempora! O Mores!* ... 114

**Mallia, Karmenu** faċċ.
*Lill-Kav. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.* ... ... ... 116

**Mifsud Bonnici, Rikard**
Talba ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 49

**Mifsud Bonnici, Robert**
Rikard Mifsud Bonnici ... ... ... ... ... ... ... 45

**Muscat Azzopardi, Ivo, P.L.,**
Francesco Azopardi ... ... ... ... ... ... ... ... 15

**Pawl, Dun**
Wara l-Laqgħa ta' Dun Abbondju mal-Bravi ... ... ... ... 74

**Reċensjonijiet,**
Marzu ... ... ... ... ... ... ... ... ... 32
Ġunju ... ... ... ... ... ... ... ... ... 61
Settembru ... ... ... ... ... ... ... ... ... 95
Diċembru ... ... ... ... ... ... ... ... ... 122

**Sciberras, John**
*Holm* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 44

**Ungaro, Vincent**
*Fuq il-mewt ta' Dr. F. W. Maempel, M.D., M.L.A.* ... ... 56
*Lit-Tabib Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.* ... ... ... 116

**Vassallo, Karmenu**
*L-Infern tal-Midneb* ... ... ... ... ... ... ... 24

**Zahra, Walter**
Nimxu 'l Quddiem ... ... ... ... ... ... ... ... 39

**Zammit, George, B.A., LL.D.,**
*Il-Fergħa tas-Sagħtar* ... ... ... ... ... ... ... 23

## SUPPLIMENTI

**Muscat Azopardi, Ivo, P.L.,**
Rwiefen ... ... ... ... ... ... ... ... Ġunju
Naf b'Kollox ... ... ... ... ... ... ... ... Diċembru

**Muscat-Azzopardi, Ci[illegible]**
Dun Mikiel Xerri ... ... ... ... ... ... ...Settembru

JINBIEGH 1/-